**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 28 ta` Gunju 2018**

**Kawza Nru. 1**
**Citaz. Nru. 333/94 JZM**

**Margaret Rossignaud u zewgha Norman Rossignaud bhala amministratur tal-beni parafernali ta` martu, bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi u ghal kull interess li jista` jkollu ;**

***u***

**b`nota tat-12 ta` Gunju 2013 Yvette Smith Rossignaud (ID 167277M) u Claude Rossignaud (ID 154179M) assumew l-atti tal-kawza bhala kuraturi de jure tal-wirt battal tal-mejjet missierhom Norman Rossignaud ;**

***u***

**b`digriet tal-31 ta` Ottubru 2016 Yvette Smith Rossignaud u Claude Rossignaud ma baqghux jitqiesu bhala kuraturi de jure tal-wirt battal tal-mejjet missierhom Norman Rossignaud u minflok l-atti gew trasfuzi fil-persuna tal-imsemmija Yvette Smith Rossignaud**

**u Claude Rossignaud in kwantu ghal kwart kull wiehed minnhom mill-wirt ta` missierhom Norman Rossignaud ;**

***u***

**Vivienne Pace ;**

***u***

**b`digriet tad-9 ta` Jannar 2012 l-atti f`isem Vivien sive Vivienne Pace gew trasfuzi f`isem Conrad Caruana Montaldo (ID 38572M) stante l-mewt taghha**

***kontra***

**Myriam Pellegrini u zewgha Gabriel Pellegrini bhala amministratur tal-beni parafernali ta` martu, bhala kap tal-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-konjugi u ghal kull interess li jista` jkollu**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-**<u>11 ta` Marzu 1994</u>** li taqra hekk :–

*Peress illi fil-15 ta` Marzu 1989, miet Louis Pace li kien missier l-atturi Margaret Rossignaud u Vivienne Pace u l-konvneuta Myriam Pellegrini (Dok "A");*

*U peress illi fl-4 ta` Jannar, 1987 Louis Pace ghamel testment in atti Nutar Dottor Patrick Critien (Dok "B"), liema testment gie revokat mill-istess testatur b`testment iehor fis-16 ta` Ottubru, 1988 fl-atti tal-istess Nutar (Dok "D") li ordna li l-wirt tieghu jigi regolat b`dan l-ahahr testment;*

*U peress illi fid-data tas-16 ta` Ottubru, 1988 Louis Pace ma kienx kompost u ma kienx fi stat mentali li seta` jaghmel validament testment u in oltre dan l-istess testment tas-16 ta` Ottubru. 1988 sar bhala konsegwenza ta` pressjoni u influenza inaccettabli u bi skop frawdolenti li saru fuq Louis Pace kif jigi pruvat waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza;*

*Jghidu l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet predetti u dawk li jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-Kawza :-*

*1. M`ghandux jigi dikjarat u deciz li Louis Pace, meta ghamel it-testment in atti Nutar Dottor Patrick Critien fis-16 ta` Ottubru, 1988, ma kienx fi stat mentali u kapaci li jaghmel validament dak it-testment ghar-ragunijiet fuq esposti u*

*2. Konsegwentament m`ghandux jigi dikjarat u deciz li l-imsemmi testment ta` Louis Pace tas-16 ta` Ottubru, 1988 huwa null u bla effett fil-ligi.*

*Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti li jibqghu ingiunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi, il-lista tax-xhieda taghhom u l-elenku ta` dokumenti li kienu prezentati mac-citazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata fl-<u>4 ta` Mejju 1994</u> li taqra hekk :–

*1. Preliminarjament in-nullita` tac-citazzjoni u tan-notifika taghha stante li filwaqt li giet firmata mill-Imhallef Noel Arrigo, giet assegnata lil Imhallef Iehor, kif jirrizulta mill-inizjali hdejn in-numru tac-citazzjoni.*

*2. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess illi l-attur Norman Rossignaud ma ghandu ebda locus standi in judicio u l-istess japplika ghall-konvenut Gabriel Pellegrini li gie mharrek inutilment billi, wara li ghaddew in vigore l-emendi ricenti tal-ligi civili, mara mizzewga ma ghandha bzonn ta` ebda assistenza ta` zewgha sabiex tigi tharrek jew tigi imharrka u in vista tal-fatt li l-mertu tal-kawza ma jikkomprendi ebda amministrazzjoni tal-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, lanqas ghal daqshekk ma hemm bzonn li jiccita jew li jigi citat. Comunque ma ghandu ebda interess lanqas li jiccita jew li jigi citat u kwindi ghandhom jigu estromessi mill-kawza.*

*3. Fil-mertu illi dak allegat mill-atturi huwa inveritjer, milli allegazzjonijiet qarrieqa li ma jaghmlu xejn ghajr li jitfghu dell ikrah fuq missierhom li kien jaf x`qieghed jaghmel u ried jaghmel attwalment dak li ghamel.*

*4. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda taghhom.

**Rat is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-21 ta` l-21 ta` Ottubru 1994 fejn kienet michuda l-ewwel eccezzjoni, spejjez ghall-konvenuti.**

Rat il-provi kollha li ngabru minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat illi l-ewwel seduta fejn il-kawza bdiet tinstema` minn din il-Qorti kif presjeduta kienet dik tas-16 ta` Marzu 2009.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu wara s-16 ta` Marzu 2009.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentaw iz-zewg nahat.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Xiehda

### a) L-ewwel affidavit ta` l-attrici Margaret Rossignaud

Xehdet illi hija z-zghira fost tliet ulied.  Hutha l-ohra huma l-attrici Vivienne Pace u l-konvenuta Myriam Pellegrini.

Xehdet illi hija kienet tqatta` granet shah mal-genituri taghha flimkien ma` wliedha, sakemm kien imur ghaliha zewgha li apparti x-xoghol kien ukoll trejdunjonista.

Qalet illi meta sahhet il-genituri taghha bdiet sejra lura, hija kienet taghmlilhom ix-xiri u anke ssajrilhom.

Qalet li r-relazzjonijiet ma` hutha u zwieghom kienu tajbin tant li zewgha u r-ragel ta` ohtha Myriam kienu bnew erba` flats flimkien. Kienu ghamlu zmien jghixu fil-flats, u hija kienet ta` sikwit tmur ghand ohtha Myriam peress li zewgha kien depress u gieli kien ikollu attakki billi jkisser kollox, kif ukoll jghajjat.

Kompliet tixhed illi Gabriel Pellegrini tah attakk qawwi tant li kellhom jidhlu l-pulizija u ttiehed l-Isptar Monte Carmeli.

In segwitu marru joqghodu tas-Sliema ghaliex dawn l-attakki kienu qed jaffettwaw hazin il-hajja tal-familja taghha.

Spjegat li missierha kellu hafna nkwiet minhabba *requisition orders* li kienu hargu fuq propjeta` tal-familja.

Meta ommhom marret lra tant li bdiet minn *dementia*, missierha beda sejjer lura wkoll.

Stqarret illi inkwiet kbir iehor ghal missierha kien meta Gabriel Pellegrini kien hedded li jmur l-Awstralja u jiehu lil Myriam mieghu. Missierha kien jibza` minn Gabriel ; dan kien jiehu hafna pilloli.

Qalet li dak iz-zmien lill-genituri taghha kienu nizzlulhom sodda isfel fis-salott peress li kienu spiccaw bla seftura u missierha kien xi drabi jkollu jsajjar u jahsel il-hwejjeg kif ukoll jiehu hsieb lil ommha. Missierha kien sar nervuz hafna u kien juri sinjali ta` ghejja. Ghalkemm ma kienx ikun irid ghajnuna, hija kienet tmur izzurhom biex tixtrilhom il-bzonnijiet.

Kompliet tghid illi missierha kellu wkoll problema li tefghetu lura fir-rigward tad-dar tal-faccata tar-residenza tieghu li kienet proprjeta` tieghu u li kienet okkupata mill-Avukat Victor Borg Grech u l-familja tieghu.

Qalet li darba siefru ghal btala f` Novembru 1986 wara li kienu ftehmu ma` ohtha Myriam li meta jsiefru jzommu t-tfal ta` xulxin. Waqt din il-vaganza, tkellmet ma` missierha bit-telefon. Meta waslu lura Malta, marru jaraw lil missierha, ghal kuntrarju ta` ommha, missierha ma kellimhomx sakemm wara hafna hin, qalilhom li kien baqghu b` xejn u li kien qassam kollox. Missierha kien qalilhom li kien fetah it-toqba li kellu fil-kamra tal-banju u qassam hafna mill-flus u heba l-kumplament x` imkien fuq waqt li sakkar l-access ghal fuq bic-cavetta.

Xehdet illi l-ghada marret id-dar tal-genituri u sabet lil missierha b` hass hazin fuqu. Sejhet lit-Tabib Cecil Paris li meta ghamel esami kliniku tieghu sab li kellu l-pressjoni gholja hafna. Missierha ma riedx imur l-isptar. Minn dakinhar hi u ohtha Myriam bdew jitqassmu u jorqdu mal-genituri taghhom, peress li ohthom il-kbira Vivienne kienet ghaddejja minn problemi matrimonjali.

Qalet li meta ohtha Vivienne siefret bejn Dicembru 1986 u Jannar 1987, u peress li l-istat ta` sahha ta` missierha ma kienx tajjeb, hija staqsiet lil Myriam x` ried ifisser missierha meta kellimha dwar it-tqassim tal-flus. Myriam qaltilha li ma kienet taf b` xejn u li dan ma kienx halla flus biex jiehdu hsieb lil ommhom fil-kaz li jmut qabel ommhom.

Spjegat li sahhet missierha baqghet sejra lura. Darba minnhom ghadda lejl hazin hafna. Madwaru kien hemm hi, Myriam u zwieghom. Matul dak il-lejl, missierha semma li ried jaghmel testment u jhalli lil kulhadd l-istess. Semma li ried jghaddi lil zewghom Norman u Gabriel, il-legat li kien f` idejh u ghalhekk ried ikellem lill-Mons Arthur Said Pullicino. Qal li kien qed ihossu ser imut u xtaq jirranga l-affarijiet. Tkellem dwar xi kwadri li kien hemm id-dar. Qal li l-mara tieghu kellha *vera legno* li kien tah lil Vivienne. Qal lil Gabriel kien tah il-kwadru taz-zejt tal-Kuncizzjoni u ried jaghti l-kwadru l-kbir u l-brazzi tas-sala lilha ghax din qatt ma talbitu xejn. Qalet li missierha stqarr illi kien halla Lm 2,000 ma` Gabriel biex meta jmut ikun jista` jqieghed lil martu go dar ta` l-anzjani li jaghzel Gabriel. Hija qalet lil missierhom li ma kenitx taqbel mieghu ghaliex fejn kellha tigi rikoverata ommhom, kellu jkun deciz mit-tliet ulied, mhux minn zwieghom.

Kompliet tixhed illi l-ghada filghodu kien infurmat Mons Arthur Said Pullicino li missierhom ried ikellmu. Baghtu ghan-Nutar Patrick Critien

dwar it-testment peress li kienu jafu li missierhom kien inqeda bis-servizzi tieghu dwar kwistjonijiet ohra.

Stqarret illi meta Mons Said Pullicino mar jitkellem ma` missierha kienu prezenti hi, ohtha Myriam u zwieghom. Sema` x`qal misserha dwar il-legat. Mons Said Pullicino qallu li ma kienx isib oggezzjoni u sabiex ma joqghodx jinkwieta. Aktar tard mar in-Nutar Critien li hejja skrittura dwar il-legat. Missierha tkellem man-Nutar dwar xi dejn. Ried li jkun jidher ma` zwieghom u sabiex dawn jiffirmaw l-iskrittura. Hi u zewgha ma kienux qablu li ssir l-iskrittura izda Gabriel kien qal li din ghandha ssir. Ghalhekk huma accettaw li ssir minhabba l-kondizzjoni xejn tajba ta` missierha.

Qalet li saret l-iskrittura u wara sar it-testment. Ix-xhieda tat-testment kienu Marlene Attard Montalto u Iris Arrigo, girien tal-genituri taghha. Vivienne kienet infurmata bl-istat hazin ta` sahha ta` missierhom.

Xehdet illi missierha kien rikoverat l-isptar. Mieghu kienu joqghodu hi u ohtha Myriam. Zewgha qaghad ghal perijodu ma` ommha billi din ma kenitx ta` wahedha. In segwitu bdew imorru ma` ommha, iz-zijiet taghhom Maria u Inez. Billi sahhet ommhom marret lura kellha tmur l-isptar u wara kien deciz li tmur Has-Serh.

Kompliet tghid illi meta l-omm kienet Has-Serh, marru l-konvenuti u ghamlu xenata ghax ommha kien Has-Serh minghajr il-kunsens taghhom. Qalu li missierhom ma kien jaf b` xejn u kien irrabjat ghaliha. Ghaliha il-hsieb ta` Myriam kien li terga` thawwad lil missierha biex jdur kontra taghha.

Xehdet illi meta marret hdejn missierha, sabitu mghaddab ghaliha. Meta kellmitu saret taf li kienu l-konvenuti li mlew lil missierha ghaliha.

Xi zmien wara, missierha mar lura d-dar, u hi marret tghix mieghu bil-familja taghha kollha. Is-sular ta` fuq tad-dar ta` missierha kien u baqa` msakkar. Il-kondizzjoni ta` missierha ma kenitx tajba. Kien jidhol fis-sodda biz-zarbun. Jaghmel tahtu u ma jkun irid lil haddli jbiddillu.

Qalet li missierha ma kienx ihalliha tohrog mill-kamra lanqas biex issajjar. Kienet spiccat *homebound* tant li bintha Yvette kien ikollha tmur tixtri qabel tmur l-iskola. Missierha kien dejjem igerger li jrid jahrab u li kien ser isiefer ghal kollox. Missierha kien dejjem bic-cilindru tal-ossignu hdejh.

Rari kienu l-okkazjonijiet fejn kien ikun mhux hazin. Biex kienet tmur tara lil ommha Has-Serh kellha titlob permess specjali biex ma ddumx halli tmur lura d-dar.

Fissret li ommha kellha tkun rikoverata l-isptar. Hi u zewgha kienu jmorru hdejha. Fit-3 ta` Marzu 1988, wara li kienet telqet minn hdejn ommha, tircievi telefonata li ommha kienet hazin hafna. Marru t-tliet uliedha u Gabriel fil-pront izda sabuha mejta.

Xehdet illi wara li mietet ommha, gieli harget lil missierha u meta terga` luira d-dar ssib hwejjeg mqallba. Ma kellhiex dubju li dak kien xoghol ohtha Myriam billi kellha cavetta.

Kompliet tixhed illi l-qaghda ta` missierha bdiet tmur lura l-aktar minhabba depressjoni. Ma setghux igarrbu aktar wara erba` xhur joqghodu ma missierha. Avzat liz-zewg hutha b`dan. Uriet l-ammont kontanti ta` Lm 8,000 li missierhom ried ighaddilhom it-tlieta izda li baqghu ma tqassmux. Myriam telqet `il barra. In segwitu wara li s-sitwazzjoni ta` missierha giet ghall-ahjar, qalilhom li kien fetah *bearer account* mal-Mid Med Bank Limited tal-Gzira sabiex dawk il-flus li kienu taghhom jinzammu hemm.

Qalet li wara mawra Lourdes fejn marret Myriam ukoll, missierha kien jghidilha biex titlaq lil zewgha u tmur tghix mieghu. Kien icemplilhom bil-lejl u jghidilhom li ser imut biex b` hekk hi kien ikollha tmur fejnu.

Xehdet illi minghajr pressjoni ta` hadd, missierha ddecieda li japplika biex imur jingabar Casa Leone. Kien accettat. Meta gie biex imur, taha flus u qalilha biex izommhom hi peress li Myriam kienet qed izzomm flus ohra. Qalilha biex tghodd il-kontanti lit aha u taghtihom lil Myriam sabiex izzommhom mal-bqija.

Qalet li hija kienet tghix fil-qrib ta` Casa Leone u ghalhekk kienet tmur izzur lil missierha matul il-jum kollu. Missierha kien imur ghandha wkoll. Missierha ried jaqsam id-deheb u fidda ta` ommhom. L-ahwa qablu li dawn jibqghu l-bank. Fl-4 ta` Jannar 1988, l-oggetti kienu stmati, saru tliet *lots* u ttellghu bil-polza. Aktar tard fil-ghaxija ta` dakinhar, Myriam qaltilha li kienet qed toggezzjona ghall-qasma ghax ghaliex li kien sar zball ghall-vantagg ta` Vivienne. Hija wiegbet li jista` jkun li kien hemm xi zball izda dan kien zghir u kollox kellu jithalla kif inhu. Qalet lil Myriam biex ma tghid xejn lil missierha.

Kompliet tghid illi l-ghada filghodu missierha qalilha li Myriam kienet qaltlu bl-izball.

Qalet li l-flus ta` misserha kien qed izommhom Gabriel.

Fissret li missierha beda jsir aggressiv anke mar-residenti l-ohra ta` Casa Leone u kien ghalhekk li tpogga go kamra wahdu.

Qalet li kien jaghmel zmien fis-sodda u jitlob ghat-tabib ghaliex ser imut.

Missierha kien beda jsir inkontinenti u kien jitlef is-sabar. Kien ighid ukoll li kien qed jara x-xitan. Gieli harab minn Casa Leone. Sostniet li s-sorijiet kienu qed jahsubha serjament izommuhx izjed ghax kien qed johloq hafna problemi. Fit-28 ta` Jannar 1988 saret laqgha mal-madre superjuri li ghaliha kienu prezenti t-tlitt ulied u zwieghom. Kienu prezenti wkoll Anna Maria t-tifla ta` Myriam u s-soru tal-medicina. Waqt il-laqgha kien suggerit lilhom li jikkonsultaw psikjatra. Qablu t-tlieta ; dwar min kellu jkun il-pskjatra kellhom jikkonsultaw ma` Dr Cecil Paris.

Wara l-laqgha, missierha qalilha li ried jaghmel testment ghaliex ma kienx qed jara rispett u min ma kienx qed jaghti kaz tieghu kien ser jaqtghu barra. Missierha kien qed jirreferi ghaliha.

Ftehmu l-ahwa li hadd ma jmur jarah ghal ftit jiem biex hu jifhem li bl-attitudni tieghu kien qed igerrixxhom.

Fid-29 ta` Jannar 1988, hi u Vivienne kellmu lil Dr Paris li ssuggerixxa li Dr Joseph Pisani jaghti ezami kliniku ta` missierhom. Kellmu lil Dr Pisani li accetta li jmur jara lil missierhom l-ghada. Minkejja li kien miftiehem li ma jmorrux izuru lil missierhom, Gabriel mar xorta hdejh.

Kompliet tixhed illi Dr Pisani infurmaha li sab lil missierha fi stat hazin hafna u li kien ahjar li jigi interdett. Meta qalet lil hutha b`dan, Gabriel insista li l-missier jarah psikjatra iehor ghaliex skont hu Dr Pisani ma kienx psikjatra tajjeb. Dr Pisani ghamel rapport. Dr Pisani rega` mar jarah meta l-kondizzjoni tieghu marret ghall-aghar. Is-sorijiet zammew kuntatt kontinwu ma` Dr Pisani dwar il-pilloli li kellu jiehu.

Qalet li ftit qabel miet missierha, hadd ma qal lilha u lil Vivienne li huwa kien ittiehed l-isptar. Meta marret l-isptar, it-tabib qalilhom li missierhom kien go koma u li kellu l-*Parkinson`s Disease.* L-ghada missierha miet.

Stqarret illi meta gew biex ikellmu lil Myriam dwar l-arrangamenti tal-funeral, din evitathom. Saru jafu bl-arrangamenti tal-funeral minghand il-kugini.

Spjegat li wara l-mewt tal-papa, hija talbet kopja tal-files ta` missierha izda l-Monsinjur Victor Grech qalilha li dawn jipprezentahom jekk ikun mitlub mill-Qorti.

Kompliet tixhed illi hi, zewgha u Vivienne marru flimkien ma` Dr Stefan Frendo ghand Dr Pisani biex jaraw dwar il-kaz ta` missierhom. Dan kien qalilhom li kien ordnalu pilloli li jraqqdu ziemel izda peress li beda jmur minn saqajh kien waqqafhomlu. Dawn il-pilloli kienu twaqqfu ftit qabel it-testment ta` missierhom tas-16 ta` Ottubru 1988. Meta kien mistoqsi x` jigri meta jitwaqqfu dawk il-pilloli, Dr Pisani wegibhom li l-effett ikun hazin huwa ghaliex il-mohh imur bla kontroll.

**b) <u>It-tieni affidavit tal-attrici Margaret Rossignaud</u>**

Irreferiet ghall-oggetti li kienu ssemmew fl-ewwel testment ta` missierha tal-4 ta` Jannar 1987.

Fil-hames artiklu, missierha ddikjara li "*jaf li dawn l-oggetti jew parti minnhom mhumiex proprjeta` personali tieghu, izda ta` martu Alice….*"

Fit-tieni artikolu tat-testment tas-16 ta` Ottubru 1988, missierha ddikjara li "*l-ghamara kollha ezistenti fid-dar tieghu numru sitta u ghoxrin (26) High Street, Sliema, kif ukoll bcejjec ohra ta` ghamara li ttiehdu minn uliedu Margaret u Vivienne mill-istess dar, huma kollha kemm huma proprjeta` personali tieghu, peress illi nghataw lilu personalment minn ghand omm il-mara tieghu Alice u cioe` Maria Assunta Bartolo waqt hajjitha…*"

Xehdet illi l-oggetti u ghamara li ghaliha jirreferu z-zewg testmenti kienu jappartjenu kollha lil ommha Alice nee` Bartolo kif ighid l-ewwel

testment. Ommha kienet akkwistathom minghand ommha Maria Assunta. Il-kwadru tal-Kuncizzjoni biss li thalla lil ohtha Myriam kien ta` missierha.

Dak li jinghad fl-ahhar testment rigward ta` min hi l-ghamara huwa zbaljat.

**c) <u>It-tielet affidavit tal-attrici Margaret Rossignaud</u>**

Ipprecizat xi punti li ghamlet fl-affidavits precedent taghha.

Xehdet illi Gabriel Pellegrini holoq inkwiet ghal missierha ghaliex dan kien jezercita` pressjoni qawwija fuqu kemm fizika kif ukoll morali, sahansitra darba refa` jdejh fuqu. Meta ma kinitx tghaddi tieghu, huwa kien jaghmel xenata kbira. Meta mietet ommha, missierha kellu jcedu li jsiru s-santi tal-mewt kif riedhom Gabriel biex dan ma jaghmilx xenata. Missierha kien ikun dispjacut meta Gabriel kien jghidlu li ser imur l-Awstralja u jiehu lil Myriam mieghu. Gabriel jinsab taht kura psikjatrika.

Stqarret li Gabriel ried illi jitnizzel dejn fittizju li missierha ried jikkostitwixxi ma` zewga Norman u Gabriel. Hi u zewgha kienu kontra li jsir hekk izda kellhom jaccettaw biex ma jaqilghux inkwiet.

Qalet li meta missierha ghamel l-ewwel testment u cioe` dak tal-4 ta` Jannar 1987, kienet grajja kbira ghaliha ghaliex halla lit-tlett uliedu ndaqs. Ommha dak iz-zmien ma kinitx fi stat li taghmel testment.

Fissret li missierha kien filli jkun sew maghha u filli hazin u jibda jattakkaha u jdawwar id-diskors. Kien ikun biss wara l-intervent ta` terzi li kien jerga` jikkalma u jigi ghan-normal.

Qalet li fit-3 ta` Marzu 1987, hija kienet qed izzur lil ommha izda kellha titlaq minn hdejha ghax zewgha ghamel kuntatt biex tfittex tmur id-dar ghax ma setghux jikkontrollaw lil missierha.

Baqghet tissapporti sa Mejju 1987 meta missierha habat ghal zewgha fizikament. Kien ghalhekk li ddecidew li jitilqu minn hemm.

Missierha kien dejjem anzjuz li ser jisirquh. Hija qalet li ma tafx x` sar mill-flus li kienu tpoggew gol-kont li missierha kien fetah fil-fergha tal-Mid Med Bank tal-Gzira.

Sostniet li f`jum il-Milied 1987, saret skrittura privata ta` self bejn missierha u Gabriel. Missierha silef lil Gabriel is-somma ta` Lm 5,000 bl-imghax ta` 1% fis-sena. Ma tafx jekk Gabriel qattx radd il-flus mislufa u l-interessi.

Fissret li fl-ahhar testment tas-16 ta` Ottubru 1988, missierha ddikjara li kien ta lil Gabriel Pellegrini oggetti konsistenti fi tlett pitturi u zewg kwadri tat-terracotta bhala kumpens ghal servigi. Dawn l-oggetti hargu mid-dar tal-genituri taghha meta kienet qeghda titwaqqa` d-dar ezatt biswit id-dar taghhom meta missierha kien rikoverat Casa Leone. Spjegat li missierha kien qalilha li ser ighid lil Myriam sabiex troddhom xhin induna li hi u Vivienne ma kinux hadu gost b`dan.

Ipprezentat ittra tat-22 ta` Ottubru 1988 li giet minghand il-Prim` Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino dwar hlas ta` kera minghand l-inkwilini Pisani. Il-kera kien jirceviha missierha izda imbaghad meta missierha kien Casa Leone ghaz-zmien ta` bejn il-25 ta` Dicembu 1987 u l-24 ta` Marzu 1988, beda jircievi l-kera Gabriel Pellegrini. L-iskadenza ta` bejn il-25 ta` Marzu 1988 u l-24 ta` Settembru 1988 thallset lil Monsinjur Arthur Said Pullicino.

Ipprezentat kopja ta` cheque datat 27 ta` Mejju 1988 u pagabbli lil missierha ghal kera ohra izda dan ic-cheque issarraf minn Myriam skont prokura.

**d) <u>Ir-raba` affidavit tal-attrici Margaret Rossignaud</u>**

Fl-affidavit issemmi cirkostanzi fejn l-imgieba ta` missierha kienet ghal kollox kontrarja ghall-karattru tieghu li, tghid l-attrici, huma konferma tal-qaghda prekarja mentali tieghu.

**<u>L-attrici Vivienne Pace</u>** pprezentat affidavit.

Xehdet illi hi u z-zewg hutha l-ohra kienu jingiebu bejniethom, specjalment hi u ohtha Myriam. Meta sahhet ommhom marret lura, l-imgieba ta` l-konvenuti bdiet tinbidel tant li ma kinitx thossha komda tmur tara l-genituri taghha fil-prezenza ta` Myriam u zewgha. Qalet li kien hemm okkazjonijiet fejn kienet thoss li anke missierha kien qed jikkonfondi. Darba minnhom meta ohtha Margaret u zewgha kienu msefrin, kienet prezenti meta l-konvenuti bdew ixewxu lil missierha kontra Margaret. Qalet li l-ghada meta marret tara lil missierha, sabitu nkwetat hafna peress li l-konvenuti kienu geghluh jiftah il-hajt fejn kellu l-flus mohbija. Missierha kien jghidilha li Myriam kienet dejjem tittallab ghal flus.

Kompliet tixhed illi missierha ghamel testment fl-4 ta` Jannar 1987 meta hi kienet fuq btala barra. Fit-testmeent iddikjara li kellu d-dejn mal-irgiel ta` hutha. Missierha kien qalilha li dawn kienu djun fittixji. Meta giet lura Malta, Margaret qaltilha li l-konvenuti kienu mlew lil missierha ghaliha. Hassar it-testment fl-14 ta` Awissu 1987 wara li mar ghandha jibki u jitlobha tahfirlu ghaliex ghamel it-testment meta kien manipulat.

Qalet li ommha mietet fit-3 ta` Marzu 1987 minghajr testment. Ghalhekk it-tliet ulied saru l-eredi taghha.

Wara l-mewt tal-omm, missierhom qabditu depressjoni li saret kronika. Dam biha sakemm miet. Beda jbati wkoll mill-*Parkinson`s Disease*.

Stqarret li missierha beda jhawwad hafna u jikkontradixxi lilu nnifsu. Kien ighid lil binha Adrian li kien taha hafna flus biex naghtihomlu izda dan ma kien veru xejn. Kien jghid li qed jisirquh. Darba minnhom gie bi kwadru ghandha ; hija kienet haditu lura d-dar tieghu. Ta` sikwit ma kienx ikun f` siktu.

Qalet li kien jghid li jrid imut u kien anke jaghti bil-ponn u bis-sieq lil mobbli. Meta l-atturi marru ghal xi xhur joqghodu mieghu, huwa kien jaghmel hafna xenati.

Kompliet tghid illi f`Jannar 1988 missierha dahal Casa Leone imma minhabba l-imgieba tieghu, il-madre baghtet ghalihom. Dr Cecil Paris irreferihom ghall-Psikjatra Dr Joseph Pisani. Dan iddikjara li l-istat mentali ta` missierhom kien hazin u rrakkomanda medicine. Irrakkomanda wkoll l-interdizzjoni tieghu. Il-kondizzjoni baqghet tmur lura. Beda jibki wahdu u jhawwad fid-diskors.

Xehdet illi fis-16 ta` Ottubru 1988 missierha ghamel testment. Qalet li kull darba li marret tara lil missierha, dan kien dejjem jaghmel xenati mar-*room mate* jew mas-sorijiet jew ma` xi infermiera.

Spjegat li missierha tant kien fi stat hazin li fil-bidu ta` Ottubru 1988 huwa kien laqaghha fil-bieb ta` kamartu b` harsa ta` sodisfazzjoni fejn qalilha li huwa kuntent ghax ta daqqa ta` sieq fejn mhux suppost lin-nurse u kwazi hallih hemm. Qalet li s-sorijiet kienu jgergru dwar l-imgieba ta` missierha u ma kinux ihalluh jiekol mal-ohrajn. Darba minnhom, huwa kien tefa` l-butir fit-te ta` xi hadd. Qalet li dan kien jghid li jara x-xjaten taht is-sodda u l-gwardarobba.

Qalet li ftit qabel miet, kien ezaminat minn Dr Anthony Galea Debono li baghtu l-isptar. Miet fil-15 ta` Marzu 1989.

**L-attur** **Norman Rossignaud** fis-sostanza kkonferma d-deposizzjoni ta` martu l-attrici Margaret Rossignaud.

Ma` li xehdet martu zied illi meta l-familja marret titkellem mal-Psikjatra Pisani, dan qalilhom li huwa kien lest li jixhed u li kellu kollox dokumentat. Qalilhom li l-istat mentali ta` Louis Pace kien hazin u mhawwad.

Xehed illi huwa gieli ra agir mhux normali ta` Louis Pace. Rah jaghti gambetta lir-*room mate* tieghu. Gieli kien jghidilhom li ta daqqa ta` ponn fejn mhux suppost lill-infermier ghax gie biex jahslu.

Qal li kien jumilja lill-familja tieghu billi johrog fil-kuritur u jokrob lihadulu l-flus kollha.

Huma kienu tkellmu mal-Mons Schembri li qalilhom li Louis Pace kien ghaddej minn fazi hazina hafna ghax kien konfuz filli jibdki, filli jghid li hu ma jridx jaghmel preferenzi ma` uliedu u filli jghid x` ghamel.

Qal li meta kien ser jaghmel l-ewwel testment tieghu fl-4 ta` Jannar 1987, Louis Pace ddikjara li kellu dejn mieghu u ma` Gabriel Pellegrini ta` Lm 4,000. Hu u martu oggezzjonaw ghal dan. Mhux l-istess ghamlu l-konvenuti. Spjega li huwa kien kostrett li jikteb skrittura li giet dettata lilu u li ffirmaw Louis Pace u n-Nutar Critien bhal xhud fil-prezenza ta` Gabriel

Pellegrini. Izda huwa ma ffirmax tali skrittura. Fit-testment tal-4 ta` Jannar 1987, fit-tieni artikolu, kien dikjarat illi Louis Pace hu debitur skont kif jinghad fl-iskrittura u li l-Lm 4000 kellhom jittiehdu wara l-mewt tieghu. Min-naha tieghu ma kellu l-ebda pretensjoni dwar dak id-dejn.

Ipprezenta kopji ta` l-iskritturi tal-4 ta` Jannar 1987 u tal-4 ta` Jannar 1986.

**Antoine Said Pullicino** xehed b`affidavit.

Xehed illi Louis Pace kien jigi z-ziju tieghu.

Stqarr illi huwa ighix barra minn Malta ghal aktar minn 33 sena izda jigi Malta spiss.

Qabel miet Louis Pace, huwa kien mar izuru go Casa Leone. Kien Gunju 1988. Meta ltaqa` mieghu, Pace kien pront induna min kien, minkejja li kienu ilhom ma jaraw lil xulxin ghal xi 15-il sena. Spjega li kien sabu xjah. Pace ferah bih u ftakar li hu kien jghix l-Awstralja. Staqsieh x` kien gabu Malta. Staqsa liz-ziju kif kien qed ihossu, u dak qallu li kellu hafna nkwiet. Ghalkemm ma specifikax x`kien l-inkwiet, huwa fehem li kien inkwiet fil-familja. Deher lucidissimu. Iz-ziju kien pjuttost persuna riservata, u ma kienx ihobb jghid l-affarijiet tieghu personali. Qal li ma hass l-ebda tibdil fl-istat mentali tieghu. Mohhu kien car. Tkellmu dwar hafna affarijiet. Fid-diskors kien koerenti mieghu nnfisu, segwew lil xulxin u hadu gost jitkellmu.

Stqarr illi huwa mar jara liz-ziju fuq inizjattiva tieghu biss. Huwa jaf li kien hemm xi malintiz bejn l-ulied izda huwa ma kellu hjiel x` seta` kien hemm. Huwa ma kienx jaf li seta` kien hemm xi malintiz bejnu u xi uhud mit-tfal. Minn dak li fehem hu, l-inkwiet bejn it-tfal kien qed ikidd liz-ziju, u l-istess inkwiet kien qieghed jigi rifless fuqu wkoll.

Thassar liz-ziju ghax dejjem irrispetta lil uliedu u ma kienx haqqu dak li kien qed jircievi. Hass li hadd minnhom ma kellu jitrattah hazin. Kien iz-ziju li qallu li kien inkwetat minhabba it-tfal izda ma specifikax iktar. Min-naha tieghu huwa pprova jbiddel id-diskors.

Waqt iz-zjara kien hemm il-mara tieghu Jane .

Fil-**kontroezami**, huwa xehed illi kien intalab jaghmel dak l-affidavit minn Myriam Pellegrini meta kien wasal Malta ghall-vaganzi fl-2004. Huwa xehed il-fatti li jaf. Wara dik iz-zjara ma rega` ra lil Louis Pace aktar. L-ahhar li kien Malta qabel dakinhar kien fl-1974.

Qal illi meta tkellem maz-ziju dan kien jaf x` inhu jghid. Damu jitkellmu madwar siegha. Huwa kien fuq saqajh. Ma kienx bil-bastun. Ma kienx mitluq fl-apparenza tieghu. Ma jiftakarx jekk kellux roghda. Iz-ziju kien ragel tal-familja li kien ihobb lil uliedu.

Huwa ma kienx ikkomunika ma` Louis Pace meta mietet martu.

Spjega li meta tkellem ma` Pace, deher imbikkem minhabba l-inkwiet li kellu.

**<u>Joan sive Jane Said Pullicino</u>** xehdet b`affidavit

Xehdet illi kienet ma` zewgha Antoine meta kienu marru jaraw lil Louis Pace, iz-ziju ta` zewgha, go Casa Leone.

Ikkonfermat x-xiehda ta` zewgha.

Waqt iz-zjara, Louis Pace kellu mohhu car. Ma tahiex l-impressjoni li kien qed igerfer fid-diskors.

Fil-**kontroezami**, xehdet illi dik kienet l-unika darba li rat u li ltaqghet ma` Louis Pace.

Qalet li Pace gharaf lil zewgha mill-ewwel. Ghannaq lil zewgha. Pace deher mdejjaq. Hija semghet biss u ma ppartecipatx fid-diskors li ghadda bejn zewgha u Pace. Hadet l-impressjoni li kien bniedem normali.

Ikkonfermat li Pace qal lil zewgha li kellu hafna inkwiet fil-familja. Huwa dahalx fid-dettall. L-inkontru dam madwar nofs siegha.

Meta kienu Malta dak iz-zmien iltaqghu ma` Margaret u Norman Rossignaud.

**<u>Valerie Norris</u>** xehdet b`affidavit.

Xehdet illi Louis Pace kien iz-ziju taghha. Kienet tafu bhala z-ziju Gigi.

Fiz-zmien qabel miet iz-ziju Gigi, kienet toqghod barra minn Malta izda kien izzur il-familja taghha darbtejn fis-sena.

Fir-rebbiegha tal-1988, zewgha Brian kien gie Malta bl-intenzjoni li jixtri proprjeta. Hu u missierha kienu marru jaraw liz-ziju Gigi li kien rikoverat Casa Leone.

Marru ghandu ghaliex dan kien intiz hafna dwar il-ligi u riedu jiehdu parir minghandu.

Fis-sajf tal-1988, giet Malta ma` uliedha u marru jzur liz-ziju Gigi. Ommha u missierha kienu wkoll marru maghha. Iz-ziju kien ha bihom u tkellem maghhom. Ftakar li bintha kienet ghazlet li tixtri dizzjunarju ta` zewg volumi bil-flus li kien taha meta kellha xi disa` snin. Mohhu kien car daqs il-kristall, kif kienet dejjem tafu. Kien koerenti fid-diskors u dejjem ta` opinjoni pozittiva. Semma` l-proprjeta` li kienu ser jixtru u tkellem dwar l-inkwiet li tnejn minn uliedu, Margaret u Vivienne, kienu qed jaqilghu dwar il-wirt ta` ommhom. Hin minnhom beda hiereg id-dmugh minn ghajnejh. Ippruvat tikkonsolah izda kellu qalbu migugha ferm.

Stqarr maghha li Vivienne u zewgha Walter kienu harguh dawra bil-karozza u l-hin kollu qaghdu jitkellmu dwar l-eredita` ta` ommhom. Ma riedx jara lil bintu Margaret ghax meta kienet tmur tarah kienet iddejqu bi kliemha u tiggieled mieghu.

**<u>Fil-kontroezami</u>**, xehdet li l-affidavit taghha kitbu n-Nutar Flores fuq fatti li qaltlu bihom hi. Kienet Myriam Pellegrini li qaltilha biex taghmel affidavit.

Qalet illi meta zaret hi liz-ziju Gigi kif spjegat tkellmu dwar affarijiet ta` kuljum.

Missierha qatt ilmenta maghha li huh Louis kien beda jgerfex. Hija ma tafx b` incidenti fejn zijuha harab minn Casa Leone. Ikkonfermat li hija rega` rat lil zijuha fi Frar 1989.

Kompliet tfisser illi wara li ommha giet lura d-dar mill-isptar, mar izurha Louis Pace flimkien ma` Myriam u Gabriel Pellegrini. Louis Pace tela` sular biex jara lil ommha. Tkellem b` mod normali.

Fissret li meta kienet tkun Malta, kienet toqghod fid-dar ta` missierha San Giljan. Gieli raqdet ghand Myriam Pellegrini.

**<u>Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino</u>** xehed li Louis Pace kien jigi hu ommu. Ghalhekk kien iz-ziju tieghu.

Kien rikoverat Casa Leone. Gieli mar jarah hemm. Rah l-ahhar madwar gimgha jew hmistax qabel miet. Kien joqghod jitkellem mieghu u jimxu fil-kuridur. Kien idum hdejh minn tlett kwarti sa siegha. Kien isemmilu li kellu l-inkwiet mat-tfal.

Xehed illi kull meta kellmu kien ikollu konversazzjoni normali mieghu. Kien persuna ta` certa intelligenza. Pace kellu xi affarijiet li gieli staqsieh dwar kif ghandu jagixxu dwarhom. Kien persuna normali u mentalment stabbli. Meta kien ikellmu, ma kienx jiddevja anzi kien jibqa` fuq is-suggett. Kienu jikkomunikaw b` mod normali.

Stqarr illi ghalih qatt ma kellu xi suspett li dan il-bniedem kellu xi inkapacita` mentali. Baqa` l-istess hlief ghall-effett normali ta` l-eta` u cioe` kien jiehu certa hin biex jirrispondi ghal li tghidlu.

Fil-**<u>kontroezami</u>** xehed illi qatt ma kien hemm cirkostanza fejn ma kkomunikax mieghu jew inkella ma kienx lucidu. Safejn jaf hu, parti mill-flus tal-kirjiet tal-familja kien jigborhom huwa stess u parti jigbruhom l-familja tieghu. Spjega li meta kien joqghod jitkellem mieghu, qatt ma ssemma psikjatra. Spjega li kien jidher inkwetat fl-ahhar ta` hajtu minhabba dizgwid bejn it-tfal. Quddiemu qatt ma ghamel xenati.

**Mary Tabone Adami** xehdet li Louis Pace jigi z-ziju taghha.

Kienet tmur tarah kemm id-dar tieghu kif ukoll meta mar Casa Leone. Ratu minn tlieta sa erba` darbiet. Meta kienet tmur, kienet iddum nofs siegha jew tlett kwarti. Kienu joqghodu jitkellmu dwar in-neputijiet u dwar affarijiet ta` kuljum. Kienet tarah normali. Kien jiftakar l-ismijiet tat-tfal u jistaqsi kif kienu sejrin fl-iskola. Qalilha li wliedu kienu qed jinkwetawh minghajr ma jidhol f` dettalji.

Fil-**kontroezami**, stqarret li z-ziju ma kienx beka quddiemha. Qalet li ma tafx jekk kienx harab minn Cas Leone nkella le.

**Rev. Mons. Arthur Said Pullicino** xehed li Louis Pace kien jigi z-ziju tieghu.

Ighid li kien izur lil Louis Pace go Casa Leone darba fix-xahar jew aktar.

Gieli kien idum fejnu u gieli ma kienx.

Iz-ziju kien koerenti fil-konversazzjonijiet li kien ikollu mieghu.

L-ahhar li rah kien madwar xahar jew ftit aktar qabel miet.

Fid-diskursati li kellu mieghu kien carissimu fuq l-affarijiet kurrenti tal-pajjiz.

Semmielu inkwiet li kien hemm bejn it-tfal izda ma dahalx f` dettalji.

Spjega li meta Louis Pace tkellem mieghu dwar id-dizgwid li kien hemm bejn uliedu, huwa kien inkwetat hafna. Iz-ziju ma kellux bzonn ta` psikjatri. Qatt ma tkellem mieghu dwar psikjatri.

Fil-**kontroezami** xehed li kien hemm dizgwid bejn it-tfal dwar il-proprjeta` ta` ommhom.

**Robert Pace Bonnici Mompalao** xehed illi Louis Pace kien iz-ziju tieghu, hu missieru.

Stqarr illi huwa kien imur jara darba fil-gimgha lil Louis Pace flimkien ma` missieru meta kien rikoverat Casa Leone. Kienu jdumu mieghu minn siegha sa saghtejn kull darba.

Spjega li kienu jitkellmu dwar affarijiet kurrenti. L-istat mentali tieghu kien normali. Kien jiccajta u qatt ma kien konfuz ghalkemm qal li kellu nkwiet mat-tfal. Kien jghid li z-zghira, Margaret Rossignaud, kienet qeghda taqla` l-inkwiet. Margaret u ohtha ohra kienu qed jaqilghu l-inkwiet mieghu. L-inkwiet kien dwar il-wirt ta` ommhom.

Ighid illi rah ghall-ahhar darba xi tlett gimghat qabel miet. Spjega li ommu kienet ghadha kif marret lura d-dar mill-isptar wara li rceviet kura ghal stroke. Louios Pace insista li jmur jaraha d-dar u hekk ghamel. Haduh il-konvenuti.

Stqarr illi quddiemu qatt ma ssemma psikjatra u lanqas qatt inqalghu incidenti bejn l-ahwa fil-presenza tieghu.

Fil-**kontroezami** cahad li qatt sar jaf bi hwejjeg li ghamel Louis Pace meta kien Casa Leone bhal li harab minn hemm.

**Anna Maria sive Anita Sopp** xehdet b` affidavit.

Xehdet illi hija tirrisjedi l-Ingilterra.

Tigi oht il-konvenut.

Wara l-mewt ta` ommha, bdiet tigi Malta regolarment biex izzur lil missierha u lil hutha kif ukoll il-qraba. Hija kienet tqatta` hafna zmien ma` l-konvenuti.

Tghid illi kien hemm okkazjoni minnhom fejn marret mal-konvenuti biex izzur lil Louis Pace li kien rikoverat Casa Leone. Kienet saret taf lil Louis Pace fl-1967 meta kienu tgharrsu l-konvenuti.

Qalet li Louis Pace gharafha mill-ewwel u ferah ghax marret tarah. Tkellmu dwar il-familja taghha u dwar materji korrenti kemm Malta kif ukoll l-Ingilterra. Louis Pace kien ragel intelligenti hafna u kien jiehu interess f` kollox. Hadha l-kappella ta` Casa Leone u qalu talba flimkien. Kien jidher ferhan fejn kien qieghed imma kien inkwetat minhabba li uliedu Margaret u Vivienne ma kinux qed imorru jarawh. Urieha li kien imdejjaq bl-imgieba taghhom, partikolarment b`dik ta` Margaret.

Spjegat li meta ltaqghet ma` Louis Pace kien lucidu, mohhu hemm, jaf x`qed jaghmel u qed ighid.

**Reina Roberta Norris** xehdet b`affidavit.

Tigi t-tifla ta` Valerie Norris.

Xehdet illi bejn Dicembru 1988 u Jannar 1989, kienet marret ma` ommha biex izzur lil Louis Pace go Casa Leone. Kienet l-ahhar okkazjoni li ratu qabel miet.

Tghid li huwa zamm konversazzjoni normali maghhom, u ma wera ebda sinjal li kien qed isofri minn mard mentali.

Tghid illi bejn iz-zmien meta kien ghadu jghix fid-dar tieghu ghaz-zmien li ratu hi go Casa Leone ma rat ebda kambjament fl-imgieba tieghu.

Fil-**kontroezami** xehdet li hadet zball fid-dati fis-sens li zaret lil Louis Pace Lulju/Awissu 1988. Wara dakinhar, ma kenitx ratu aktar.

**Edward Vella** xehed li huwa kien imur jara lil Louis Pace meta kien Casa Leone. Ma ftakarx meta kienet l-ahhar zjara. Kien imur kuljum. Kien idum hdejh ghal ftit minuti peress li kien imur jara diversi pazjenti ohra. Ma seta` jiftakar xejn dwar l-istat mentali tieghu..

**Nutar Dr Franco Pellegrini** xehed illi huwa jigi hu l-konvenut u kien jaf Louis Pace. Kien mar xi darba jew darbtejn jarah Casa Leone. Ma tahx l-impressjoni li kien mar lura mentalment.

**Anna Maria Mifsud Pellegrini** xehdet li Louis Pace kien jigi n-nannu taghha.

Kienet tmur tarah kuljum meta kien ghadu d-dar u meta mar Casa Leone kien tmur minn tlieta sa erba` darbiet fil-gimgha.

Huwa kien dejjem jinteressa ruhu fil-progress taghha fl-iskola. Kien jiehu interess li jitkellem dwar firxa wiesgha ta` suggetti.

Eskludiet illi fl-ahhar xhur ta` Louis Pace qabel miet kien hemm xi komportament differenti. Hija ghandha 37 sena. Dak iz-zmien kellha 14-il sena.

Xehdet li n-nannu taghha kien inkwetat bl-imgieba tal-atturi. Kienet tisimghu jghid lil ommha x` kienu qed jaghmlulu. Kienu waqfu jmorru jarawh. L-istess z-zija Vivienne.

Fissret illi meta n-nanna taghha kienet rikoverata go dar tal-anzjani, l-atturi u wliedhom marru joqghod man-nannu. Tiftakar li n-nannu jghid li kien dispjacjut hafna meta darba mar id-dar ta` l-atturi, li kienet tinsab qrib ta` Casa Leone, izda minkejja li bintu Margaret kienet gewwa baqghet ma fethitlux. Hija kellha 12-il sena meta n-nanna kellha tittiehed l-isptar. Qalet li n-nannu ma kienx jaf li n-nanna kienet ser tittiehed Has-Serh. Lanqas il-genituri taghha l-konvenuti ma kienu jafu. In-nanna mardet Has-Serh u kellha tittiehed San Luqa.

Qalet li l-Hadd qabel miet, in-nannu kien qieghed jiekol mal-familja taghha fid-dar taghhom u kienet ghaddejja konversazzjoni normali. Cahdet li n-nannu qatt kellu incidenti ma` *room-mates*. Kien jilmenta biss li ghandu hafna nkwiet. In-nannu ma kienx maqful u ghalhekk seta` johrog minn Casa Leone xhin irid. Meta kienx ghadu l-isptar, huwa kien jitlob li jittiehed Has Serh halli jzur lin-nanna izda l-attrici kienet taqla` d-diffikultajiet.

Xehdet illi kienet prezenti meta nqasam id-deheb tan-nanna bejn l-ahwa. Kienet prezenti meta n-nannu qal li ried jaghmel testment. Stqarr li l-atturi wliedu kienu qeghdin jinkwetawh. Il-familja taghha baqghet izzur lin-nannu u tistiednu d-dar kull nhar ta` Hadd.

Kompliet tixhed li n-nannu kien qal li l-atturi kienu ser jiehdu dak li haqqhom wara li nkwetawh daqstant. Ha dik id-decizjoni meta kien Casa Leone fiz-zmien meta kien abbandunat mill-atturi. Kien in-nannu stess li nsista li ried jaghmel it-testment.

Xehdet illi n-nannu l-iehor taghha Vincenzo Maria Pellegrini kien imur jiekol ghandhom zewgt ihdud fix-xahar u ghalhekk kien jiltaqa` man-nannu Louis. Darba semghet liz-zewg nanniet jitkellmu fis-sens illi Louis qal illi huwa kellu jaghmel dak li ghamel.

Stqarret illi hija ma kenitx prezenti meta sar it-testment. In-nannu Louis miet l-isptar San Luqa. Ommha kienet izzomm lil hutha l-ohra infurmati bil-kondizzjoni ta` sahha tieghu. Iz-zijiet Margaret u Vivienne kienu prezenti l-isptar qabel miet in-nannu.

**<u>Patrick Pellegrini</u>** xehed illi l-konvenuti huma l-genituri tieghu. Huwa akbar fl-eta` minn ohtu Anna Maria bi tliet snin.

Xehed li huwa kien ghamel ftit granet jorqod man-nannu Gigi Pace wara li dan kecca lill-attrici Margaret Rossignaud mid-dar minhabba inkwiet li kienet qeghda tohloq. Jaf dan ghaliex sema` lin-nannu jghid hekk.

Qal illi meta n-nannu dahal l-isptar ghal xi tlett gimghat, Margaret u Vivienne hadu lin-nanna Has Serh. Meta mar lura d-dar mill-isptar, sab lil Margaret Rossignaud u l-familja taghha fid-dar tieghu. In-nannu mar jorqod fid-dar tal-genituri tieghu ghal xi granet. Il-familja Rossignaud dam toqghod ghand in-nannu bejn xahrejn jew tlett xhur.

Xehed illi in segwitu n-nannu mar Casa Leone biex ma joqghodx wahdu. U ma riedx ikun ta` piz ghal uliedu. Dam Casa Leone sena u xahrejn sakemm miet l-isptar San Luqa. In-nanna mietet sentejn qabel miet in-nannu. Qal li ma jaf xejn dwar qsim ta` deheb.

Spjega li huwa ma jafx li ommu kellha cavetta tad-dar tan-nannu.

Sostna li ma jafx li s-sorijiet ta` Casa Leone baghtu ghalihom dwar l-imgieba tan-nannu. Qatt ma sema kliem dwar psikjatra. In-nannu kien f`sikktu kemm mentalment kif ukoll fisikament. Kien liberu li johrog. Tant

hu darba sa ltaqa` mieghu fuq il-Fosos tal-Floriana f`Jum l-Indipendenza. Cahad li n-nannu qatt harab minn Casa Leone.

Spjega li n-nannu Gigi kien imur id-dar tal-genituri tieghu kull nhar ta` Sibt u Hadd mentri n-nannu patern Vincenzo Maria Pellegrini kien imur Hadd iva u Hadd le. Darba minnhom waqt l-ikel in-nannu Gigi qal lin-nannu Censu li kien biddel it-testment, u li Margaret Rossignaud u Vivienne Caruana Montalto kienu ser jiehdu dak li haqqhom. In-nannu kien jilmenta kemm –il darba li Margaret u Vivienne kienu abbandunawh. Inoltre kien ighid li tant qalghu nkwiet li ried ibiddel it-testment. Jaf li n-nannu Censu kien irrakkomanda lin-nannu Gigi biex jiehu z-zmien qabel ibiddel it-testment.

Xehed illi n-nannu Gigi kien jaqsam il-kamra li kellu Casa Leone ma` haddiehor sakemm mar go kamra wahdu. Ma jafx li qatt gerger dwar dan il-haddiehor jew li kellu xi problemi. Kien jagixxi b`mod normali. Ma kienx agressiv fl-imgieba tieghu u kien imur tajjeb hafna mas-sorijiet.

Cahad li n-nannu kien jigi nvistat minn hafna tobba jew minn psikjatra. Qatt ma qallu li kien mar jarah psikjatra. Missieru kien imur tajjeb hafna man-nannu. Dan kien jaghti hafna pariri lil missieru.

L-inkwiet li qalghu l-atturi lin-nannu kien dwar xi ghamara, pitturi u affarijiet ohra li kienu hadu lin-nannu u li ma tawhomx lura.

Xehed li l-konvenut missieru huwa dilettant kbir tal-pitturi. Ma jafx jekk ghandux xi inkwatri tan-nannu. Huwa ma sema` xejn dwar flus li nghataw lil missieru min-nannu.

Sostna li fizikament in-nannu kien ibati bi qtugh ta` nifs imma mentalment kien lucidu u dejjem koerenti. Huwa ma jafx x` medicini kien jiehu.

<u>**Claude Rossignaud**</u> xehed li huwa jigi iben l-atturi konjugi Rossignaud.

Meta miet in-nannu tieghu Louis Pace fil-15 ta` Marzu 1989 huwa kellu 10 snin.

Qal li jiftakar li meta kienu jorqdu man-nannu, ghaliex in-nanna kienet rikoverata Has-Serh, in-nannu kien nervuz u aggressiv izda imbaghad gieli kien jinfaqa` jibki bhal tifel zghir. Kellu t-telefon isfel faccata tat-tarag u dan kien jaqbdu u jsabbat fih ghal xejn b` xejn. Jiftakar li n-nannu kien ixarrab is-sodda regolament u jiftakar lil ommu tbattal u tahsel il-patella ghall-uzu tieghu.

Qal li n-nannu kien possessiv hafna fuq ommu. Ma kienx ihalliha tillarga minn mieghu. Darba minnhom, ommu kienet ser twasslu l-iskola u n-nannu ghamel xenata kbira ghaliex ma riedx li ommu thallih sakemm tiehdu l-iskola. Ommu kienet tinkwieta meta kien jaghmel dawn ix-xenati.

Qal li ftit qabel dahal mar Casa Leone, huwa jiftakru johrog mazz ohxon ta` karti tal-flus mill-kexxun ta` fuq ta` gradenza li kienet fit-tarag. Kien jaraha stramba ghaliex missieru kien jahdem il-bank u ghad li kien ghadu tifel kien jaf li post dawk il-flus kellu jkun fil-bank. Fisser kif huwa ma jafx x`hemm u kif kien is-sular ta` fuq tad-dar tan-nannu ghaliex kien imsakkar u kien imur fih in-nannu biss.

Spjega li meta kien Casa Leone, in-nannu kien talab li jittiehed sad-dar tieghu u ommu haditu hemm. Spjega li ommu nhasdet xhin rat hafna oggetti neqsin. Kienet infurmat lin-nannu li kienu serquh u n-nannu kien deher mifxul. Sar jaf li l-oggetti neqsin kienu qeghdin ghand il-konvenuti.

Qal li huwa kien izur lin-nannu Casa Leone ghal ftit minuti ghaliex kien ikollhom jistennew lill-genituri taghhom barra fil-kuriduri. Nannuh bil-kemm kien jaghraf lilu u lil ohtu. Waqt li kien ikun fil-kuritur, kien gieli jisma` lin-nannu jibki u jghajjat. Illum jifhem li dawk kienu x-xenati li kien jaghmel. L-istess kien jigri meta kien izur lin-nannu St Luke`s.

Qal li jiftakar lil ommu nkwetata ghax in-nannu kien jiggieled ma` hafna mill-*inmates* ta` Casa Leone. Kien hadha bi kbira meta n-nannu xtara rota BMX lil ohtu u lilu ma xtralu xejn. In-nannu kien dejjem maqtugh minnu u fl-ahhar xhur ta` hajtu sar aktar. Ghalih fl-ahhar xhur ta` hajtu, nannuh kien iraxxibbli, impulsiv, bla sabar u nstabbli. Daqqa jghajjat u jsabbat u daqqa jinfexx jibki. Ma kienx nannu li seta` jirrelata mieghu.

**Yvette Smith Rossignaud** xehdet illi tigi t-tifla tal-atturti konjugi Rossignaud.

Xehdet illi meta n-nanna materna taghha kienet rikoverata Has Serh, hi u l-familja marru joqghodu man-nannu Louis. Hija kienet torqod ma` huha fuq *folding bed,* missierha kien jorqod fuq pultruna li tinfetah sodda, u ommha kienet torqod magenb in-nannu. Hija tiftakar li n-nannu gieli kien ixarrab is-sodda li fiha kienet torqod ommha wkoll.

Spjegat li ommha kienet tiehu hsieb il-bzonnijet tan-nannu u ddur bih il-hin kollu izda dan qatt ma kien kuntent lanqas bl-ikel li kienet issajjarlu. Kien jixxenja u jibki. Darba minnhom wara xenata kbira, kellu jmur Patri Nerik mill-Parrocca ta` Sacro Cuor ikellem lil nannuha.

Qalet li waqt li hi u huha kienu jaghmlu l-homework, in-nannu kien jitfi id-dawl u jhallilhom id-dawl baxx.

Irrakkontat kif darba rat lill-konvenuta tfittex gol-vertina fil-kamra tal-pranzu. Kienet ovvja li din kienet qed tara jekk naqsitx xi haga minn go dik il-vetrina. Hija ma kienet qalet xejn dwar dan lill-genituri taghha hlief wara li bdew iqumu l-problemi ma` l-konvenuta.

Spjegat li meta nannuha mar Casa Leone, hija kienet izzuru ghal ftit minuti mal-genituri taghha ; imbaghad kienet tithalla barra tistenna lill-genituri. Qalet li meta kienu jkunu hdejh, kien qisu ma hemm hadd bhal qisu lanqas biss kien jikkonoxxihom. Gieli semghet ghajjat u biki meta kienet tkun qed tistenna lill-genituri taghha. Man-nannu kien hemm wiehed Bonnici li kien jaqsam il-kamra mieghu. Xi draba kien irrakkonta lill-genituri taghha x` kien ghamillu n-nannu.

Qalet illi wara l-mewt tan-nanna l-memorja tan-nannu hija li kien stramb, kwazi dejjem b` wiccu mqarras u perturbat. Filli jinfexx jghajjat u filli jinfexx jibki ghal kull haga ta` xejn. Hija kienet tippreferi toqghod ghand n-nanna l-ohra u cioe` omm missirha. Ghaliha l-memorja tan-nannu Gigi ma kinitx ta` figura ta` nannu.

**Il-konvenut Gabriel Pellegrini** xehed li huwa kellu nkubu go fih kontinwament li meta jmutu l-genituri, il-familji jispiccaw, minhabba l-esperjenzi li ra fi tfulitu fl-ufficcju ta` missieru li kien nutar. Hu u hutu kienu ftehmu dwar kif kellhom jaqsmu l-wirt tal-genituri taghhom fi zmien meta l-genituri taghhom kienu ghadhom hajjin sabiex ma jkollhomx inkwiet wara l-mewt tal-genituri taghhom.

Qal li meta missier il-mara tieghu Louis Pace kien ircieva ittra minghand Av. Stefan Frendo hadha bi kbira.  Ir-risposta tieghu kienet it-testment li ghamel.

Huwa sahaq ma` Louyis Pace biex ibiddel it-testment izda huwa ma riedx.

Wara li miet Louis Pace, martu accettat li taghti lil hutha aktar milli kien thalla lilhom fit-testment izda l-attrici rrifjutat ghax qalet li jew kollox jew xejn.

Spjega li l-qasma tal-wirt ta` l-kunjata bdiet meta missierha kien ghadu haj. Qasmu d-deheb u l-fidda. Min-naha taghhom huma ghamlu li setghu biex il-kwistjoni mal-atturi tkun risolta bonarjament.

Xehed illi ma` Louis Pace dejjem kellu relazzjoni ta` bejn missier u iben. Ikkonferma li kien hemm zmien ta` turbulenzi meta kienu qed jinbnew l-appartamenti flimkien ma` l-atturi Rossignaud fuq dar li kien xtara Louis Pace u li imbaghad kien ghadda lilhom u lil Rossignaud. Cahad li qatt kien hemm dizgwid li l-attrici Rossignaudt tiehu l-appartament nru 3. It-turbulenzi kienu l-aktar dwar kejl.

Qal li seta` kien hemm turbulenzi meta bdiet id-dipressjoni qawwija tieghu u spicca l-isptar. Ta` l-eta ta` 49 sena kellu jirrizenja mill-impieg ta` General Manager.

Kompla jghid illi l-kunjatu kien jafdah b` ghajnejh maghluqa. Louis Pace kellu rispett enormi lejn martu Alice, u hi kienet tafda lil zewgha. Meta Louis Pace hareg bil-pensjoni, kien beda jiehu hsieb kollox hu.

Stqarr illi l-ewwel *clash* li kellu ma` Margaret kienet meta tlestew l-appartamenti 1 u 2.

Qal li meta kienu jghixu fl-istess blokka, huma kienu jghinu lil Margaret u anke kien zammewlhom it-tfal meta Margaret u zewgha isiefru u vice versa. Cahad li qatt aggredixxa lil Margaret jew lil missierha fizikament. Qal li ma jafx li Louis Pace kien jahbi xi flus fil-hajt. Cahad li kien prezenti meta Pace fetah xi mohba fil-hajt.

Xehed illi Louis Pace kien fi stat tajjeb immens. Kien tajjeb fizikament u mentalment. Kien anke jghid ir-ruzarju lill-ohrajn meta kien il-*home.* Uliedu l-atturi ddecidew li jabbandunawh u ma jmorrux jarawh aktar.

Qal li huwa kien imur jarah kuljum u jiehu hsieb il-bzonnijiet tieghu ; jlibbsu l-pigama u jiehdu jaghmel *toilet*. Kull nhar ta` Sibt u Hadd, huwa kien jiehdu d-dar taghhom biex jiekol maghhom. Fl-Ghid, kien qaghad ghandhom gimgha shiha u kien jiehdu fejn il-bahar. Darba minnhom, Louis Pace qallu li kienet marret tarah Vivienne u haditu c-cimiterju sabiex tfakkru li huwa ghad irid imut. Louis Pace qatt ma tah l-impressjoni li mohhu mhux qed jahdem tajjeb.

Xehed illi Louis Pace kien tah Lm 2,000 biex jaghmel hiltu u jsib *home* ghal Alice Pace. Kienet saret skrittura ghal dan. Kien inkariga lilu ghax huwa kien jafda lilu. Il-flus nghataw biex huwa jkun jista` jaghmel depoziti. Huwa radd il-flus lil Louis Pace u ta` dan kellu ricevuta.

Ikkonferma l-iskrittura esebita a fol 203 ; fuqha tidher il-firma tieghu.

Qal li Louis Pace kien jaghti nofs il-flus li kien idahhal minghand Neriku Confectionery lill-familja Said Pullicino.

Ikkonferma li l-atturi Rossignaud kienu marru jghixu ma` Louis Pace ghal madwar xahrejn meta Alice spiccat Has Serh. Huwa kien kontra li Alice Pace tmur Has Serh. Marret hemm wara talba mill-atturi Rossignaud.

Spjega li l-attrici Rossignaud kienet issib hafna skuzi lil missierha biex ma jmurx jara lil Alice Has-Serh. Huwa kien imur jara lil Louis Pace fid-dar tieghu kuljum minkejja li kien hemm Margaret u Norman joqghodu hemm.

Fisser li wara li mietet Alice, Louis kien imdejjaq hafna ghax kien ihobbha hafna.

Stqarr illi ibnu Patrick gieli mar joqghod ma` Louis Pace. Anke Louis Pace gieli raqad ghandhom.

Qal illi meta mar ghandhom, Louis Pace ha flusu mieghu. Huwa ma jaf xejn dwar it-Lm8,000 li Louis Pace ghadda lil uliedu. Lanqas ma kien jaf

dwar telefonati suspettuzi li kien qed jircievi Louis Pace jew li kien qed jibza` li ser jisirquh.

Qal li ma jafx ghala thassar l-ewwel testment.

Spjega li Louis Pace kien silfu Lm 5,000 biex xtara d-dar 32, Cathedral Street, Sliema, waqt li missieru silfu Lm 10,000. Qal li huwa ma hallasx lura l-Lm 5,000 ; lanqas ma hallas l-imghax. Sostna li Louis Pace qatt ma talbu biex ihallas. L-atturi kienu pprezentaw ittra ufficjali kontra tieghu biex ihallas il-Lm 5000 u l-imghax.

Kien muri diversi firem. Ikkonferma li kienu kollha ta` Louis Pace. Id-differenza fil-kaligrafija hija dovuta ghall-eta`.

Qal illi l-imgieba ta` missier il-mara go Casa Leone kien esemplari. Cahad li Louis Pace qatt harab minn hemm. Huwa kien imur jarah kuljum. Kull meta mar dejjem sabu hemm. Meta ghamel zmien imsiefer, huwa kien talab lil missieru u lil huh sabiex imorru jaraw lil Louis Pace.

Cahad li kien hemm okkazjonijiet fejn Louis Pace tefa` l-butir jew kien jghid li qed jara x-xitan. Lanqas ma kien jitlewwem mal-persuna li kien taqsam il-kamra mieghu.

Stqarr illi Louis Pace kien jiekol. Cahad li s-sorijiet qatt lmentaw maghhom dwar l-imgieba ta` missier il-mara. L-unika haga li lmentaw kienet li f` Jum il-Missier marru wliedu l-atturi u qalulu li hargulu l-ghamara kollha mid-dar tieghu u b`hekk inkwetawh hafna.

Fisser illi meta kienu msiefra hu u martu, l-atturi hutha hadu lill-Psikjatra Dr Joseph Pisani biex jezamina lil Louis Pace. Qatt ma ra rapport rilaxxjat minn Dr Pisani.

Xehed illi Louis Pace kien hadha bi kbira meta rcieva ittra legali minghand l-atturi wliedu. Pace sejjah lin-nutar biex jaghmel testment. It-testment kitbu n-nutar u ddetta kollox Louis Pace. L-Imhallef Victor Caruana Colombo kien xhud tat-testment. Ikkonferma li hu u martu kienu prezenti waqt li kien qed isir it-testment.

Spjega li meta kien Casa Leone, Louis Pace kien tah it-tlett inkwadri li huma msemmija fit-testment biex jirringrazzjah ta` kemm ha hsiebu.

Qal li huwa ma kellux x` jaqsam mad-denunzja tal-wirt tal-kunjata. Hu ha hsieb li jiddepozita l-ammont ta` Lm 2000 fl-Ufficju Djocesan biex issir fondazzjoni ta` quddies lett.

Xehed illi huwa kien ha hsieb id-denunzja ta` Louis Pace, liema denunzja thallset mill-flus ta` Malcolm Craig, li kien wirt ta` Louis Pace. Spjega li kien hemm zmien meta inkwilini kienu jhallsu lil Pace u imbaghad hu kien jaghti l-flus lilu sabiex dan inizzilhom mal-flus li ghandu. Wara li miet Louis Pace, huwa ma rcieva l-ebda flus ohra in konnessjoni mal-proprjeta`.

Qal li Louis Pace baqa` sa lejliet il-gurnata tal-mewt tieghu bniedem kompost, ta` intelligenza kbira, bniedem tal-familja b` imhabba devota lejn martu Alice u missier li habb u ghen lil uliedu. Kien bniedem ta` energija u b` sahhtu ; qatt ma kellu mard serju. Fil-perijodu li kien Casa Leone, huwa baqa` normali u fi stat mentali tajjeb. Kien dejjem mentalment kapaci li jiddeciedi dak kollu li ried jaghmel minghajr influwenza jew ndhil ta` hadd.

Iddikjara li la hu u lanqas hadd mill-familja tieghu ma ghamel xi pressjoni fuq Louis Pace biex jaghmel xi testment favur taghhom. Louis Pace ddecieda li jaghmel l-ahhar testment tieghu wara li rcieva l-ittra ta` l-atturim wliedu. Wiegeb ghal dik l-ittra bit-testment tieghu. Kien Louis Pace li sejjah lin-Nutar Patrick Critien.

Spjega li l-familja tieghu qatt ma abbandunat lil Louis Pace, kontra dak li ghamlu wliedu l-atturi.

**<u>Il-konvenuta Myriam Pellegrini</u>** kkonfermat id-desposizzjoni ta` zewgha.

B`zieda ma` li xehed zewgha, stqarret illi lejliet l-ewwel tas-sena 1987, missierha kien sejjah lilha u lil zewgha, u qalilhom biex joqghodu attenti minn ohtha Margaret u ma jafdawhiex ghaliex *she wants to take over*. L-ghada qalilhom li kien inkwetat dwar ommha u ried jiehu hsieb x` jigri minnha jekk hu jigi nieqes. Ghalhekk ghadda Lm 2000 lil zewgha sabiex izommhom ghandu u jaghmel uzu minnhom meta jirnexxielu jsib residenza

ta` l-anzjani xieraq ghal ommha. Zewgha nsista ma` missierha sabiex issir skrittura u hekk sar.

Spjegat kif fl-4 ta` Jannar 1987, missierha ghamel l-ewwel testment tieghu. L-ghada dahhal l-isptar fejn dam sad-29 ta` Jannar 1987.

Kompliet tghid meta missierha hareg minn St Luke`s, Margaret u l-familja taghha marru ghal xaghrejn joqghodu ma` missierha. Dan qalilha li sakkar is-sular ta` fuq b` muftieh, haga li qatt ma kien ghamel fil-passat.

Qalet li missierha kien xeba` b` Margaret u zewgha fid-dar tieghu ghaliex kienu joqghodu jissemghulu u ma jhalluhx fil-liberta`. Beda jirrifjuta l-ikel li tipprepara Margaret.

Stqarret li ghall-ahhar gimgha ta` Marzu 1987 missierha cemplilha matul il-lejl li kien kecca lil Margaret u l-familja taghha ghax kienu ghamlu xenata. Hija u zewgha marru ghandu u sabuh bla nifs u b` hass hazin fuqu. Margaret kienet qeghda hemm barra fit-triq tibki ghax riditu jaccettaha lura izda missierha ma riedx.

Xehdet illi missierha kien ghen lit-tliet uliedu sabiex issir id-denunzja ta` ommhom. Id-denunzja kienet ikkonfermata bil-gurament minn Vivienne. It-taxxa hallasha missierhom.

Qalet illi wara xi zmien Casa Leone nghata kamra wahdu. Dan sar b`insistenza ta` Margaret. Missierha qatt ma wera xewqa li jkun wahdu. Il-madre tal-home ltaqghet mal-ulied. Riedet tkun taf min kien se jiehu hsieb ihallas kull xahar dak dovut lill-home. Hi kkonfermat li zewgha kien ser jiehu hsieb skont ix-xewqa ta` missierha. Il-madre staqsiethom min kien it-tabib kuranti ta` missierhom u kienet infurmata li kien it-Tabib Cecil Paris. Cahdet li l-madre kien issuggeriet li jkellmu psikjatra ghal missierhom. Wara dik il-laqgha, hi, zewgha u Vivienne marru jaraw lil missierha. Wara dahlu Margaret u zewgha. Dak il-hin missierha qal li ried jaghmel testment ghaliex ma kienx qed jara rispett, u li min ma kienx qed jaghti kaz tieghu kien se jhallieh barra. Missierha dak il-hin ikkonferma li kien qed jirreferi ghal Margaret. Dak il-hin Margaret u zewgha telqu `l barra.

Qalet li fl-1 ta` Frar 1988 meta hi kienet imsiefra, hutha l-atturi kellmu lill-Psikjatra Dr Joseph Pisani. La gharrfu lilha u lanqas lid-dirigenti ta` Casa Leone. Dr Pisani ra lil missierha darba biss. Qatt f`ghomru

missierha ma kellu bzonn kura psikjatrika. Dr Pisani ghamel certifikat li dahal fil-file ta` missierha Casa Leone. Fic-certifikat iddikjara li missierha kien *mentally fully conscious.*

Fissret kif wara li hutha baghtu l-psikjatra, ir-relazzjoni taghhom ma` missierha marret ghall-aghar. Missierha kien imwegga` ferm b` dik l-azzjoni taghhom. Beda ma jafdahomx u baqa` jinsisti li jrid jibdel it-testment. Qatghu milli jmorru jarawh Casa Leone. Fit-28 ta` Marzu 1988 missierha ghamel prokura fejn awtorizza lilha sabiex issarraf cheques, drafts, u pensjonijiet li kienu f`ismu. Fl-istess gurnata, missierha ghamel prokura ohra favur zewgha.

Xehdet illi l-atturi kienu dahlu fid-dar ta` missierha u garrew minn hemm l-ghamara, pitturi, vazuni, arlogg u affarijiet ohra antiki u ta` valur minghajr il-peress tieghu. Dawn kienu proprjeta` personali tieghu. L-ghada marru jghidu lil missierha b`li kienu ghamlu. Missierha nsista li jpoggu kollox lura izda baqghu ma ghamlux hekk.

Kompliet tghid illi hutha nvolvew lil Mons. Joseph Schembri, Kappillan tal-home, biex jikkonvinci lil missierha halli ma jbiddilx it-testment. Taf li missierha kien accerta lill-Monsinjur li ma kien ghadu ghamel xejn izda qallu li jekk uliedu Vivienne u Margaret kienu ser jibqghu jinkwetawh huwa kien lest li jara serjament x` se jaghmel.

Qalet li fit-13 ta` Ottubru 1988 hutha baghtu ittri registrati lil missierha Casa Leone. Kien hemm zewg ittri fl-envelope, wahda indirizzata lil missierha, u ohra lilha u lil zewgha. Missierha mill-ewwel intebah li dawn l-ittri kienu ta` nkwiet. Dawk l-ittri kienu precizament ir-raguni li wasslu lil missierha biex jaghmel dak it-testment u dan kien stqarru hu stess maghha.

Spjegat li missierha kien deciz li jbiddel it-testment. Huwa stess ghamel kuntatt man-Nutar Patrick Critien u sar appuntament ghas-16 ta` Ottubru 1988 biex isir t-testment go Casa Leone. Missierha talabha biex tkun prezenti ma` zewgha. Lin-nutar, missierha ddettalu dak li ried. In-nutar kiteb biss dak li qallu missierha. Kollox sar bil-libera volonta tieghu u minghajr pressjoni ta` hadd. Sabet zewg infermiera biex jkunu xhieda tat-testment. Missierha stess ittawwal fil-kuritur u lemah lill-Imhallef Victor Caruana Colombo. Talabha tistaqsi lilu jekk riedxjoqghod x-xhud, l-Imhallef accetta u hekk sar.

Qalet li fl-1 ta` Novembru 1988, Dr Stefan Frendo ghal hutha baghat ittra lilha u ohra lil missierha biex issir laqgha maghhom. Missierha ma fetahx l-ittra tieghu u qalilha biex izommha u thalliha ssiggillata. Qalilha biex tinjora l-ittri ghaliex ma deherlux li biex uliedu jkellmuh kien hemm bzonn ta` avukat.

Spjegat li l-ittri ufficjali datati 23 ta` Frar 1989 ntbaghtu Casa Leone u hi u zewgha rcevewhom ukoll. Missierha qalilha biex l-ittri jinghataw lill-avukat biex jirrispondihom hu. Minn dakinhar sahhet missierha bdiet tmur lura u kien jghidilhom li l-inkwiet ser joqtlu. Kellmet lill-Konsulent Dr Anthony Galea Debono u fil-21 ta` Frar 1989 ghamillu ezami estensiv. Il-konsulentr baqa` mistghageb kemm missierha kien ikkopera u rrisponda tajjeb. Fit-13 ta` Marzu 1989, missierha hazzu hazin u kellu jittiehed l-isptar. Ghaddiet messagg lil hutha dwar dan ir-rikoveru. Miet fil-15 ta` Marzu 1989. Ghamel mewta tajba bis-sacerdot mieghu.

Ipprezentat dokumenti sabiex tikkontradici x-xiehda ta` ohtha Margaret.

Fil-**kontroezami**, xehdet illi missierha kien dejjem kapaci mentalment biex jaghmel testment. Qalet li dak iz-zmien ma kinitx regola li jingieb professjonist li jiccertifika li persuna tkun tista` taghmel testment. Missierha ma kellux bzonn tabib. Hadd ma ghamel pressjoni biex jaghmel it-testment.

Mistoqsija dwar l-ittra li ntbaghtet minn Margaret u Vivienne lil missierha datata 13 ta` Ottubru 1988, hija qalet li ma tafx li missierha kien ta xi rendikont hekk kif gie mitlub fl-ittra. Sostniet li dawk l-oggetti msemmija fl-ittra kienu ta` missierha ghaliex dawk l-istess oggetti lanqas tnizzlu fid-denunzja ta` ommhom li saret bil-kunsens tat-tlett ahwa. Ikkonfermat li hi wirtet lil missierha.

Xehdet li taqbel mar-rapport tal-Psikjatra Pisani.

Qalet li meta kien ghamel it-tieni testment tieghu, missierha kien qalilha li kien sejjer ghand in-Nutar Critien biex jibdel xi haga fit-testment. Hi ma staqsietu xejn.

Ipprezentat ic-certifikat tal-mewt ta` missierha fejn hemm indikata l-kawza tal-mewt tieghu.

**<u>Conrad Caruana Attard Montaldo</u>** (iben l-attrici Vivienne Pace) xehed b`affidavit.

Xehed illi huwa jiftakar lin-nannu tieghu Louis Pace bhala bniedem etiku u onest li kellu mohh tajjeb u stabbli sa l-ahhar ta` hajtu.

Qal li kien bniedem intelligenti u ta` integrita. Kien jaf jitkellem fuq diversi suggetti. Hafna nies kienu jhobbu jmorru jkellmuh anke ghal pariri.

Missieru Walter Caruana Montaldo kien perit u kien biegh u jixtri proprjetajiet. Missieru kien jiehu pariri minghand Louis Pace partikolarment dwarklawsoli legali li kellhom bzonn jitpoggew fil-kuntratti.

Qal li kien bniedem ta` familja u kien jiehu interess fin-neputijiet tieghu.

Lilu kien jistaqsieh kif sejjer l-iskola.

Huwa kellu memorji sbieh ta` Louis Pace.

Ighid li min qabel mietet ommu, staqsietu dwar kif jiftakar lin-nannu Louis u huwa wiegeb li kien jiftakru bhala l-bniedem li ghallmu l-valuri morali tieghu u li kien jaghti pariri tajba kif ukoll li kien mohhu car.

Sostna li huwa jaf li kien qed jaghmel affidavit u x` setghu jkunu l-konsegwenzi izda stqarr illi li kieku stqarr diversament kien ikun qed jigdeb dwar persuna ezemplari.

**<u>Elaine Pellegrini</u>** xehdet li l-konvenuti huma l-genituri ta` zewgha Patrick.

Ghandha 43 sena u kienet ilha mizzewga 23 sena.

Tghid li kienet taf lil Louis Pace ghal sena u nofs sakemm miet.

Kien ihobb jarahom hafna ghax kien jistaqsiehom dwar l-istudju. Hija kienet ghadha zghira u kienet ghadha tistudja.

Xehdet li l-ahhar li rat lil Louis Pace kien xi gimgha qabel miet.

Zewgha kien ihobbu hafna lin-nannu u kienu jmorru jzuruh fid-dar ta` l-anzjani. Kienu joqghodu jitkellmu mieghu fuq il-bank fejn kien hemm Madonna.

L-imgieba ta` Louis Pace kienet normali. Qatt ma rat xejn mhux koerenti jew qalilhom xi haga li ma taghmilx sens. Kien izomm konversazzjoni normali. Kienu anke jitkellmu fuq il-klieb ghax huma jhobbu l-klieb. Kienu jitkellmu dwar kif kienu sejrin fis-shows tal-klieb.

Fil-**kontroezami,** xehed illi l-ahhar darba li rat lil Louis Pace kien ghand il-kunjata ghall-ikel. Kien normali.

Hija qalet illi ma tafx ghalfejn kien mar joqghod Casa Leone.

Qatt ma tkellmet mieghu fuq inkwiet li seta` kien hemm fil-familja.

Bid-disgwid fil-familja saret taf wara l-mewt ta` Louis Pace.

**Margaret Rizzo** xehdet li zewgha jigi n-neputi ta` Louis Pace.

Kienet ilha taf lil Louis Pace mill-1965.

Gieli kienet tiltaqa` ma` bintu Vivienne li kienet dejjem titkellem dwar missierha b` mod normali.

Vivienne qatt ma qalet xejn dwar l-istat mentali ta` missierha.

Marret tarah Casa Leone darba biss u sabitu tajjeb. Dan kien xhur qabel miet.

Ferah biha u kellhom konversazzjoni normali.

Fil-**kontroezami,** xehdet illi kienet tiltaqa` ta` spiss ma` Vivienne Pace fuq il-*front* u kienu jitkellmu dwar missierha. Vivienne qatt ma tefghet xi dell fis-sens li missierha ma kienx jiflah. Qatt ma gie d-diskors maghha dwar disgwid fil-familja.

**Margaret Said Pullicino** xehdet li kienet taf lil Louis Pace.

Zaritu darbtejn Casa Leone.

Louis Pace kien normali.

Semmielha inkwiet mal-ulied.

Hija qaghdet barra mill-kwistjoni.

Fil-**kontroezami**, xehdet illi marret tara lil Louis Pace ma` ohtha Maryanne Tabone Adami xi xahar wara li dahal Casa Leone ; imbaghad marret xi hmistax wara.

Qalet li kien imdejjaq ghax l-inkwiet kien qed joqtlu. Deher bniedem imwegga`. Hi dawret id-diskors biex ma tibqax tarah imbikkem.

**Madre Josephine Darmanin** xehdet illi Louis Pace kien rikoverat Casa Leone. Hija kienet tiehu hsieb id-dar mis-16 ta` Dicembru 1985 sat-30 ta` Jannar 1995.

Louis Pace kien igib ruhu tajjeb.

Kellu kamra ghalih.

Jista` jkun li ghall-ewwel kien ma` haddiehor izda imbaghat tpogga go kamra ghal rasu wara talba mill-familjari tieghu.

Spjegat li hemm file ghal kull pazjent izda dan huwa file mediku tat-tabib.

Fissret illi meta tinqala` emergenza, jissejjah it-tabib mill-poliklinika.

Qalet illi Casa Leone m`ghandhiex tabib taghha.

Fil-**kontroezami,** xehdet illi Louis Pace kien igib ruhu ta` persuna normali.

Stqarret illi mill-medical file ta` Louis Pace jirrizulta li kien invistat mit-tabib tieghu Dr Cecil Paris ghalkemm xi drabi rah haddiehor bhal fil-kaz tal-1 ta` Frar 1988. Fis-16 ta` Novembru 1988, u fis-27 u fid-29 tal-istess xahar, rah Dr Paris. L-istess gara fil-21 ta` Frar 1989.

Xehdet illi fit-13 ta` Marzu 1989, Louis Pace mar l-Isptar San Luqa. Baqa` hemm sakemm miet fis-16 ta` Marzu 1989.

Taf li darba kien invistat mill-Psikjatra Dr Joseph Pisani. Jista` jkun li dan kien fl-1 ta` Frar 1988.

Ma tafx jekk kienx invistat ukoll mill-Konsulent Dr Anthony Galea Debono.

**Suor Enrica Bonnici** xehdet li ghamel zmien taghti servizz Casa Leone. Damet erba` snin u telqet Novembru 1989.

Ma tiftakarx lil Louis Pace.

**Suor Agatha Agius** xehdet li tat servizz Casa Leone bejn l-1986 u l-1987.

Tiftakar lil Louis Pace.

Xehdet li Louis Pace kien ta` ftit kliem izda meta kienet isaqsieh xi haga huwa kien iwiegeb.

Fil-**kontroezami,** tiddeskrivi lil Louis Pace bhala bniedem timidu. Ma tantx kien jitkellem.

**Josephine Mercieca** – Administrator ta` Casa Leone – ipprezentat il-file mediku ta` Louis Pace.

**Dr Michelle Tabone pprez**entat dokumenti.

**Victoria Azzopardi** xehdet b`affidavit.

Kienet tahdem bhala attendant Casa Leone.

Xehdet illi Louis Pace ma kienx ikun irid jinhasel.

Diversi drabi ma kienx irid imur jiekol meta jasal hin l-ikel.

Wara mbaghad kien jghidilhom li qabdu l-guh.

Xi drabi kien jintilef fil-kuritur u kien ikollha twasslu lura fil-kamra.

Sikwit kien jibki ghax kien jghid li uliedu ma jmorrux jarawh meta fil-fatt kienu jmorru.

**Anthony Cachia** xehed li huwa kien *carer* Casa Leone u jiftakar lil Louis Pace.

Qal li l-imgieba ta` Pace kienet normali izda kien hemm okkazjoni fejn dan refa` idejh fuqu. Hu halla l-incident ghaddej.

Mistoqsi ghalfejn Pace kien refa` idejh, stqarr li ma jiftakarx.

Fisser illi Pace kien kwit ta` ghalih wahdu.

**Mario Buontempo** qal li Louis Pace mar mieghu Lourdes fis-sajf 1987. Kien ma` bintu Myriam Pellegrini.

Spjega li kien ikun wahdu hafna ghax bintu kienet tohrog.

Kien jirrepeti hafna u jibki spiss.

Qal li Pace kien dejjem isemmi li kienet ghadha kif mietet.

Kien ikun kien dejjem bl-ingravata sewda anki fis-shana meta hadd ma kien  jilbes ingravata.

Qal illi bintu kienet thalliet wahdu.  Meta kien jistaqsieha ghala kienet thallih wahdu, hija kienet twiegbu li dak jiehu gost joqghod ghal kwiet.

Huwa kien staqsieh diversi drabi jekk kienx ikun irid johrog mieghu, izda kien iwiegbu li ma kinitx hallietlu flus biex ikun jista` johrog.

**Nazzarena Debono** soru mas-Society of the Sacred Heart, xehdet b`affidavit.

Marret Lourdes mal-grupp li mexxa Mario Buontemp;o li maghhom kien hemm Louis Pace fis-sajf tal-1987.

Spjegat li Pace kien imdejjaq hafna u kien jibki ta` spiss. Kellu fuq dipressjoni kbira u qawwija tant li hi kkonkludiet li dan kien *a suicidal case.*

Qalet li hija kienet toqghod tisimghu u fejn tista` tghinu.

**Rev. Fr. Henry Cassar** xehed b` affidavit.

Xehed illi huwa sar jaf lil Louis Pace xi hames xhur qabel miet. Kien jarah darba fil-gimgha. Kull darba kien joqghod jitkellem mieghu ghal madwar 15-il minuta. Induna li kellu mohhu ghajjien peress li fid-diskors tieghu kien ihawwad. Kellu certi dubji u ma kienx koerenti fid-diskors tieghu. Qal li dwar xi haga specifika kien jaghti opinjoni pozittiva ; imbaghad ftit wara fuq l-istess haga kien jaghti opinjoni negattiva. Qal li mentalment dan ma kienx normali.

Fisser illi darba l-konjugi Rossignaud sejhulu fis-2.00 a.m. ghaliex Louis Pace ried ikeccihom mid-dar fejn kienu qed iduru bih. Huwa mar minnufih id-dar ta` Louis Pace u rnexxielu jikkonvincih biex ma jkeccihomx.

Fil-**kontroezami** xehed illi kien imur ghand Louis Pace biex dan iqerr u jitqarben. Kien imur meta dan ma kienx johrog mid-dar. Spjega li huwa ma kienx jaf li kien rikoverat Casa Leone.

Qal li l-affidavit kitbu ghand l-Av. Victor Ragonesi billi huwa qallu u l-avukat nizzel.

Spjega li huwa ma jiftakarx diskors ezatt li kien jghid fejn daqqa jghid haga u daqqa jghid ohra.

Lill-familja Pellegrini ma tantx jafhom. Qal li lill-konvenuta kien raha xi darba meta kien mar ghandhom. Gieli kellem lil Margaret Rossignaud.

Ikkonferma li huwa kien jghid lil Rossignaud biex ma tiehux ghal missierha ghax kien qed ihawwad. Bejn l-eta` u l-mard, il-mohh jehfief. Louis Pace ma kienx koerenti f`li jghid.

Qal li huwa ma jafx meta miet. Ma kienx prezenti ghall-funeral tieghu.

Ikkonferma li Pace kien qallu li huwa ma tantx jaqbel ma` Margaret Rossignaud u li kellu xi inkwiet maghha. Qal li kien hemm certa antipatija zejda ghaliha. Huwa ma kienx jaghtih raguni ghaliex ma kienx jaqbel ma` bintu Rossignaud.

**Rev. Fr. Karm Aquilina** xehed b` affidavit.

Qal li kieni Vici-Kappillan tal-Parrocca ta` Stella Maris, Sliema, bejn Jannar 1980 u Settembru 1987.

Qal li ghamel xi zmien iqarben privatament lil Louis Pace fid-dar fejn kien joqghod 26, High Street, Sliema.

Xehed li minn skambju ta` diskors li kien ikollu ma` Louis Pace ma kienx idum aktar minn ghaxar minuti. Kien jiehu l-impressjoni li kellu natural *"very excitable"* tant li ta` spiss kien anke jibki waqt li qed jitkellem.

**Av. Dr. Stefan Frendo** xehed li kien avvicinat mill-atturi dwar it-testment ta` missierhom.

Kien mar maghhom ghand il-Psikjatra Dr Joseph Pisani. Dan ghamilha cara li Louis Pace ma kienx jiflah. Ghamel zmien taht medikazzjoni qawwija minhabba l-istat mentali tieghu. Qalilhom li ghal xi zmien tant kien hazin li Pace lanqas kien qed iwassal imkien bil-medikamenti. Fil-fatt kien issospendewlu l-medicina.

Xehed illi huwa cert illi b`li kien stqarr Dr Pisani huwa gie konvint li setghet issir il-kawza tal-lum,

Kien konvint minn Dr Pisani li fiz-zmien tat-testment, Pace ma kienx fl-istat mentali li jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu.

Marru ghand Dr Pisani biex jaraw kienx hemm skop li jattakkaw it-testment.

Fil-**kontroezami,** xehed illi Dr Pisani ma thalliex jixhed fil-kawza.

Kellu lil Pisani ghaliex l-atturi kellhom problemi ma` missierhom, u kien qed ikun stramb u mhux ko-ordinat il-mod kif kien qed jagixxi maghhom.

Ikkonferma li l-klijenti tieghu kellmuh dwar l-istat mentali ta` missierhom kemm qabel u wara li miet.

Qal li huwa ha l-impressjoni li Pace kien taht il-kura kostanti ta` Dr Pisani. Huwa ma jeskludix li Pisani nvizta lil Pace darba wahda biss, izda Dr Pisani kien jidher intiz sew fuq il-kaz ta` Pace.

Spjega li jista` jkun li huwa kien baghat ittra lil Louis Pace xi sitt xhur qabel ma` miet.

Ma jesludix li baghat ittra ufficjali lil Pace xi xahar qabel miet. Spjega li ghalkemm huwa kien qal li Pace kien mentalment zbilancjat, huwa kien lest li jiltaqa` mieghu biex jirrangaw il-kwistjonijiet li dan kellu ma` uliedu. Qal li meta huwa kien qed jibghat dawn l-ittri, huwa ma kienx jaf li dan kien *in extremis*.

Qal li minn qari ta` l-ittra ufficjali, jidher li l-problema tal-klijenti tieghu kienet li huma riedu rendikont ta` l-amministrazzjoni minn missierhom ta` l-assi ta` ommhom. Huma ma riedx li missierhom jigi interdett peress li dak kien ikun pass iebes wisq. Qal li din l-ittra ufficjali ntbaghtet ghaliex ma kien qed isir l-ebda progress.

Spjega li huwa kien jghid lill-klijenti tieghu biex jirrangaw ma` missierhom bonarjament. Qal li Margaret kienet qalet li missierha kien qal li ser ihallilhom inkwiet kbir wara mewtu. Huwa ma jiftakarx li Margaret kienet infurmatu li kienet marret tipprova tirranga ma` missierha b`esitu negattiv. Kellu l-impressjoni li fl-ahhar, is-sitwazzjoni kienet saret impossibbli bejn l-ahwa u bejn iz-zewgt l-ahwa u l-missier.

**<u>Nutar Dr. Patrick Critien</u>** xehed illi huwa jiftakar li ppubblika t-testment ta` Louis Pace fl-4 ta` Jannar 1987 go Casa Leone.

Huwa ppubblika wkoll it-testment tieghu tas-16 ta` Ottubru 1988.

Qal li Pace kien anzjan imma normali. Kien jaf x` qieghed jaghmel u ghalhekk ma hassx li kien hemm bzonn tabib. Spjega li huwa kiteb dak li ried Pace wara li dan accertah li hekk attwalment ried.

Ikkonferma li uhud mit-tfal mhumiex eredi tieghu skont it-testment. Kien Pace li qallu biex jaghmel hekk. Huwa kien spjegalu xi jfisser li t-tfal ma jkunux eredi kollha b` mod indaqs imma Pace kien qallu li jrid li tnejn

minnhom ikollhom il-legittima u l-ohra tkun l-eredi. Spjega li Pace ma tahx xi raguni ghalfejn ried li jsir dan.

Fil-**kontroezami**, huwa spjega li ma jiftakarx min kien baghat ghalih biex isir dan it-testment. Huwa ma deherlux li kien kaz ta` xi urgenza, peress li dan ma kienx marid. Spjega li huwa ma jafx min kien iffissa l-appuntament hux it-testatur stess jew il-konvenuta. Ma jiftakarx jekk rax dak il-hin it-testment precedenti li seta` kellu.

Qal li l-ewwel klawsola hija klawsola li dejjem isir fit-testmenti. Dwar it-tieni artikolu, huwa kkonferma li mhijiex xi haga normali li omm il-mara taghti lir-ragel tat-tifla l-ghamara. Izda qal ukoll li hi haga li tista` ssir. Sostna li ghat-testment kienu prezenti l-konvenuti. Qal li gieli jsir testment tal-genituri fil-presenza tal-ulied. Quddiemu ma saret ebda pressjoni fuq it-testatur.

Muri t-testment precedenti ta` Pace, huwa spjega li hemm divergenzi peress li fl-ewwel testment Pace kien qed jghid li l-mobbli ma kinux affarijiet tieghu u fit-tieni testment qed jghid li dawk gew moghtija lilu mill-kunjata. Ikkonferma li l-firem tat-testatur fuq iz-zewg testmenti mhumiex simili. Insista li Pace iffirma quddiemu. Spjega li hadd qatt ma qallu li Pace ma kienx qed ikun konsistenti u kien qed ihawwad. Huwa ma jiftakarx li qatt gie mwissi minn Margaret Rossignaud li missierha kien qed ihawwad.

Xehed illi l-Imhallef Victor Caruana Colombo kien xhud meta kien qed jinqara t-testment. Huwa ma sabx oggezzjoni li l-konvenuta tkun prezenti.

**<u>L-Imhallef Victor Caruana Colombo</u>** xehed b`affidavit.

Qal li sar jaf lil Louis Pace go Casa Leone fejn kienet rikoverata ommu minn Frar 1986 u Frar 1991. Huwa kien imur jaraha kuljum jew kwazi kuljum.

Qal li huwa kien isellem lil Pace izda qatt ma tkellem mieghu.

Xehed li darba kien avvicinat mill-konvenuta li kienet izzur ta` spiss lil Pace biex jidher bhala xhud fuq testment. Dan kien fis-16 ta` Ottubru 1988 fis-7.00 p.m. Casa Leone. Qal li dakinhar lanqas kellem lil Pace, sempliciment sellimlu.

Stqarr illi la mill-esperjenza personali tieghu u lanqas min xi haga li seta` sema` minghand xi hadd, qatt kellu xi raguni li jissuspetta li Pace kien b` xi mod disturbat mentalment jew li t-testment imsemmi ma kienx sar bil-pjena volonta` ta` Pace. Fl-istess waqt ma kienx f`qaghda li jeskludi xejn.

**Rev. Mons. Philip Calleja** xehed li huwa kien kancillier tal-Kurja fl-1988.

Qal li d-digriet tal-fondazzjoni nghata fit-28 ta` Ottubru 1988.

Normalment jekk xi hadd imur ghandu biex jaghmel fondazzjoni, huwa kien jitkellem mieghu dwar ghal liema skop ser issir, ser tkun tikkonsisti u jekk ser tkun fondazzjoni ta` quddies, jekk kienx ser jibda l-quddies minn issa jew wara mewtu.

**Marcel Bugeja** – Deputat Registratur - spjega l-proceduratа` kif issir ricerka dwar testmenti sigrieti.

**Paula Carmen Calleja** – Registru Pubbliku – ipprezentat ir-ricerki pubblici ta` Louis Pace.

**Tabib Dr. Mark Grech** xehed illi fil-5 ta` Jannar 1987, dahal l-isptar Louis Pace minn *casualty* u mar S4 Urology. Huwa dam l-isptar sad-29 ta` Jannar 1987 u nghata s-segwenti medicine: *coradone 200 mg* darba kuljum sal-25 ta` Jannar ; *choledyl 200mg* kuljumy sal-25 ta` Jannar ; *moduretic twice daily one tablet* sal-15 ta` Jannar; *ampicillin 500 mg* kull sitt sighat mill-15 ta` Jannar sal-20 ta` Jannar; *Lasix* mis-16 ta` Jannar darba kuljum; *Orovite one tablet daily, Lorazepam 0.5mg* filghaxija *once daily* mill-10 ta` Jannar sal-25 ta` Jannar; *halcion 0.25 mg* filghaxija fid-9 ta` Jannar; *isordil 10 mg three times a day* mit-18 ta` Jannar sal-20 ta` Jannar u fl-24 u fil-25 ta` Jannar u *Ativan 0.5mg* darba filghaxija ghal tlett ijiem mis-26 ta` Jannar.

**Tabib Dr. Alan Vella** in rappresentanza tas-Supretendent ta` l-Isptar ipprezenta kopja tal-file mediku ta` Louis Pace.

Mistoqsi dwar xi tfisser GNC fin-notament tat-28 ta` Jannar 1987, huwa spjega li ma jafx x` inhi. Saret minn infermier kunjomu Attard. Anke dwar in-notamenti tad-29 ta` Jannar 1987 huwa ma setax jifhem imma jista`

jkun li tfisser li l-pazjent ghadda lejl tajjeb u li ma kienx hemm lment. Jidher ukoll li kien ghadda dak li xorob.

Spjega li a fol 360 tal-process, hemm notament illi l-pazjent mar l-*outpatients* wara tlett gimghat li gie *discharged.* Hemm imnizzel li l-pazjent kien *depressed* ghax kienet ghadha kif mietet martu. Spjega li gew ordnati xi investigazzjonijiet minhabba li l-kliewi ma kinux qed jahdmu tajjeb. Kellu kreatina gholja. Dak jista` jwassal ghall-avvelenament. Il-kreatina kienet id-doppju tan-normal. Spjega li l-gisem huwa kapaci jissporti hafna affarijiet. Id-differenza hi jekk din kinitx titla` f` daqqa jew ftit ftit. Jekk jigri f` daqqa, il-pazjent jista` jkun mheddel.

Qal li fil-kaz ta` Pace, dakinhar li sabulu l-kreatina gholja, it-tabib kien ezaminah u qal li l-*general condition is satisfactory* u li kien ftit *depressed.* Ma kien hemm xejn indikat li Pace kien konfuz. Instab li l-*urea* kienet 22 minflok in-normal li hija 8. Dan ifisser li l-kliewi kienu qed ibattu ftit u minflok jitfghu `l barra, kienu qed izommu gewwa.

Dwar in-notament a fol 333 fir-rigward tat-13 ta` Marzu 1989, jidher li Pace kellu lment li kellu *hesitant speech,* kien jirtghodd u kellu *weakness* f` saqajh. Pace nzamm ghal aktar kura u testijiet. Spjega li tnizzel li fil-passat kellu storja ta` pressjoni gholja, bla zokkor u problemi bil-pulmun. Spjega li nghata medicina bl-isem ta` *Amantadine; Persantine* biex traqqaq id-demm; *Bolvidon; Merelill; Coledil, Sinemed* li tintuza ghal *Parkinsons.* Jinghad ukoll li Pace kien probabbli kien qed ibati minn *Parkinsonism with progressive cerebral anteriorclerosis.* Din tfisser li bhalma arterji tal-qalb jistghu jinstaddu bix-xaham, jista` wkoll jinstaddu fil-mohh.

Qal li jekk tigri f` daqqa, wiehed jista` jaqa` u jmut f` daqqa. Jidher li l-pazjent kien niexef ukoll u tawh *intervenes fluid.* Qal li jekk ikun f` din il-kundizzjoni, pazjent jinzamm l-isptar kif fil-fatt inzamm. Fin--notament tal-14 ta` Marzu 1989 jinghad illi l-pazjent ma kienx qed jimxi u li kien ilu jbati mill-*Parkinson`s* sa mis-sena 1987. SMeta kien ezaminat, kien hemm sinjali ta` *parkinsonism* fejn kien jiccassa, ma jiccaqlaqx u ma kienx qed jirrispondi. Sarlu t-test tal-*parkinsonism* fuq il-mohh u rrizulta pozittivi. Spjega li dakinhar ma setghetx tittiehed il-pressjoni minhabba li kien veru iebes. Ittiehed il-polz li ghaddej mija fil-minuta. Sidru kien *clear* u ma kellux *edema.* Kien ghad kellu dan it-*tremor* u kien rigidu. Kien qed jitkellem naqra *slurred.*

Dwar in-notament tal-15 ta` Marzu 1989, huwa spjega li kien ezaminat minn Dr Galea Debono u sabu *in a poor general condition.* Ma kienx qed

jiekol, kellu *rash* u kien agitat. Ghaddewlu tubu f` halqu biex ikun jista` jiekol u wara li osservawh, zdiedulu l-*malleril*. Fis-1.30 p.m., il-pazjent sar blu, ceda l-pulmun u jista` jkun li aspira l-ikel. Ghall-ewwel sarlu *suction* ta` li kellu go fih. Inghata antibiotics u komplew bl-*input* u *output charting*. Izda ma setghux jghaddulu l-*peripheral IV Line*, ossija ppruvaw jaghtuh likwidi izda milli jidher tant kien hazin li l-vini kienu kkollossaw. Il-familjari tieghu kienu kontattati u ftit wara kien certifikat mejjet.

Fil-**kontroezami**, huwa spjega li pazjent ikollu file mediku wiehed l-i Sptar San Luqa izda jekk imur Monte Carmeli jew Zammit Clapp, ikun hemm file mediku iehor ghal kull sptar. L-ahhar darba li Pace dahal l-isptar kien fid-29 ta` Jannar 1987 meta gie *discharged*. Imbaghad rega` dahal fit-13 ta` Marzu 1989. Dahal *outpatients* wara id-29 ta` Jannar 1987 izda imbaghad dam sentejn u xahrejn wara biex rega` dahal l-isptar.

**Tabib Psikjatra Joseph Pisani** xehed li huwa ma jafx min kien Louis Pace. Huwa fittex fil-files tieghu izda ma sab xejn. Ikkonferma izda li l-preskrizzjoni ezebita hija mahruga minnu. Din il-medicina kienet tigi preskritta ghal stat depressive ta` persuni b`certa eta`. Qal li jhobb juza dan il-prodott lill-anzjani ghaliex ma kellux *side effects*. Il-prodott jismu Bolvidon u b`mod generiku Mianserin. Imbaghad hemm il-Merelin li huwa *tranquilizer* u kien juzah fejn ikun hemm agitazzjoni.

Kien muri r-ritratt ta` Louis Pace. Xehed illi ma jiftakarx jekk qattx kien rah. Qal li huwa qed jara lill-attrici u li jghid li ma humiex ucuh godda ghalih ghalkemm ma jistax jiftakar f` liema cirkostanzi jafha.

Xehed illi meta huwa jkun ra pazjent Casa Leone, dan ma jitnizzilx fir-*records* tieghu. Jekk ikun rah darba u ppreskriva l-medicini, huwa jkun ta struzzjonijiet lis-sorijiet sabiex fil-kaz jinqala` xi haga jcemplulu.

Fil-**kontroezami**, ippreciza li huwa ma jafx ghalfejn kien ippreskriva dawk il-medicini peress li ma kienx qed jiftakar il-kaz.

**Tabib Konsulent Anthony Galea Debono** xehed illi jista` jkun li ra lil Louis Pace gewwa Casa Leone.

Jidher li kien hemm kambjament fil-kundizzjoni tieghu fit-tlett gimghat precedenti. Kien qed jiehu amantedine li hija medicina li tinghata lil min ghandu Parkinson`s Disease. Kien qed jiehu medicini ghac-cirkolazzjoni,

ossija Pestantine. Kien qed jiehu medicini ghan-nifs i.e. Colidel. Kien jiehu Bolvidon darbtejn kuljum. Dawn huma *anti-depressants* u kien qed jiehu *Meleril* tlett darbiet kuljum liema medicina kienet titiehed minn min ikun relattivament aggressiv jew imhawwad. Huwa nviztah u ammettieh l-isptar.

Inzamm l-isptar ghax kien iddeterjora. Spjega li kien hemm *features* li jindikaw li kellu l-*parkinson`s disease*. Ghalhekk, huwa xtaqu taht ghajnejh ha jara jistax itejjeb il-qaghda tieghu.. Huwa ma jiftakarx jekk kienx rah qabel dakinhar.

Qal li min-notamenti jidher li l-pazjent kien intilef minn sensih ghal xi minuta u kien hemm il-possibilita` ta` accessjoni. Il-pressjoni kienet gholja hafna u kellu sinjali ta` Parkinson`s. Jidher li kien hemm *acute parkinson`s* fis-sens li jkun sehh stroke f` parti partikolari tal-mohh u s-sitwazzjoni tipprecipita. Wara l-mewt tieghu ma saritx awtopsja.

Spjega li l-pazjent kien dahal l-isptar xi drabi ohra izda mhux taht il-kura tieghu.

Fil-5 ta` Jannar 1987, kien hemm *referral ticket* fejn Dr Cecil Paris baghtu b` urgenza l-isptar ghaliex kien jidher li kellu *pneumonia*, kien qed jitlef il-piz u kien qed jaqta` nifsu. Hemm notament li kien *occasionally confused* u kien hemm evidenza li l-kliewi kienu batuti. Dam l-isptar sad-29 ta` Jannar. Fl-10 ta` Jannar 1987, hemm entrata li taqra « *Patient confused after taking Halsion four and a half hours ago, trying to get out of bed, agitated, disoriented X3,* » *Halison* kienet medicina li tinghata biex wiehed jorqod. Kienet giet imwaqqfa. Kien inghata *injection* biex jikkalma.

Spjega li fid-29 ta` Jannar 1987 jidher li kien *discharged* ghaliex is-sitwazzjoni kienet marret ghall-ahjar. Sar *follow up* fid-29 ta` April 1987 fejn gie mnizzel li l-pazjent kien *depressed* izda kellu *general condition satisfactory*. Spjega li kien hemm *urea gholja* ta` 22. Spjega li b` urea u kreatin gholjin, jista` jkun li persuna tkun mentalment imhawwda, imma jista` jkun li din ma jaffettwawx. Jista` jkun fi stat ta` konfuzjoni mentali jekk il-kliewi ma kinux qed jiffunzjonaw sew izda mhux necessarjament.

Spjega li fin-notament ta` lejliet li miet, il-pazjent gie osservat li kellu cirkolazzjoni tal-mohh batuta. Kien inkontinenti u *dehydrated*. Ma kienx qed izomm *pipi*. Kien hemm ukoll sinjali ohra li wiehed jassocja mal-*parkinson`s disease.*

Fisser li min-notamenti ta` Casa Leone, irrizulta li l-pazjent kien qed jiehu *Lorozepan* jew *Ativan* li tinghata ghal min ikollu senilita` jew ikun ftit anzjuz. *Ativan* tikkalma jew tikkwieta. Hemm miktub li kellu stat ta` ansjeta` u nzerta li kien senili wkoll. Bil-lejl kien jiehu doza relattivament modesta. *Menerill* kienet medicina li kien qed jiehu l-pazjent peress li kien fi stat agitat. Spjega li jidher li l-pulmun kien qed ibati minn *chronic obstructive airway disease*, li jirrizulta minn qtugh ta` nifs. Imbaghad inghat Bisolvon u Colidel bhala medicini ghan-nifs u ghal biex taqta` l-bili.

Qal li kien hemm notament tal-psikjatra Dottor Pisani datat 1 ta` Frar 1988 fejn intqal li :

*"patient looks and feels depressed, tears come easily to him…States that since he lost his wife nine months ago, he has never been the same again, has lost interest, appetite poor and was sleeping poorly….Mentally he is fully conscious, but has some difficulty remembering names. He is somewhat mixed up when it comes to remembering dates. He could recall the name of the place he is staying at, besides he… thinks that he thinks he could exercise the profession of a doctor, lawyer, etc…."*

Spjega li huwa gie preskritt Bolvidon li hu *anti-depressant* u Menerill.

Xehed illi fis-27 ta` Frar 1988 Dr Paris ezaminah u dan deher agitat u wara li kkuntattja lil Dr Pisani, kienet saret zieda fid-doza ta` l-*anti-depressant* Bolvidon. Fid-29 ta` Novembru 1988, il-pazjent kien agitat u kellu qtugh ta` nifs. Kien ghadu qed jiehu Amenofelin u l-Menerill li huwa kalmant.

Qal li fil-21 ta` Frar 1989, il-pazjent kellu *stroke,* li tista` taghti lil kull min ikun ghaddej b` mod normali. L-organi tal-pazjent ma kinux fl-ahjar stat li jistghu jkunu. Kien gie suggeriet li jibda jiehu Amentedine li hija medicina li tinghata ghal *Parkinson`s.*

Fisser illi l-mohh huwa maqsum f`taqsmiet differenti li ghandhom funzjonijiet differenti fejn jista` jkollok diffikultajiet f` parti u mhux f` ohrajn. Qal li jista` jkun ikun hemm perijodi ta` lucidita` ukoll. Spjega li fid-data meta sar l-ahhar testment, jista` jkun li kien kapaci jaghmel testment u jista` jkun li ma kienx kapaci. Huwa ma jistax jghid.

**Tabib Dr Cecil Pace** xehed illi huwa kien it-tabib kuranti ta` Louis Pace li miet fil-15 ta` Marzu 1989.

Louis Pace kien ammess Casa Leone fuq *referral* li kien ghamel hu fl-14 ta` Settembru 1989. Minn notamenti tieghu jirrizulta li fil-5 ta` Jannar 1988 issejjah Casa Leone biex jinvistah. Sabu ftit agitat u ppreskrivielu Ativan li hija pillola kalmanti.

Spjega li fit-28 ta` Jannar 1988 rega ssejjah mis-sorijiet biex jinviztah ghaliex dan kien qed jaghmlilhom xi storbju. Sabu agitat u rrakkomanda li jarah psikjatra. Fl-1 ta` Frar 1988, rah il-psikjatra Dr Joseph Pisani li kien ippreskriva Melleril li huwa trankwillant ghall-anzjani kif ukoll Bolvidon li huwa anti-depressant. Fis-16 ta` Frar 1988, rega` sabu agitat hafna u wara li kkomunika ma` Dr Pisani zied id-doza ta` Bolvidon.

Kompla jixhed illi rega` inviztah fis-27 ta` Frar 1988 wara li kellu lejl imqanqal. Sabu bi qtugh ta` nifs u ghalhekk ippreskrivielu suppozitorja ta` l-aminofelina. Jumejn wara, kien sab li kien mar ghall-aghar ghaliex semaghlu tisfir fil-pulmun. Kien sab agitat u *chesty* u kompla l-aminofelina.

Qal li fl-10 ta` Mejju 1988, huwa rega` rah izda min-notamenti tieghu, ma kien hemm xejn partikolari.

Stqarr illi kien hemm xhur fejn huwa ma rahx.

Rah fid-19 ta` Dicembru 1988. Sabu anzjuz sew u rrakkomanda li jibqa` jiehu l-Melleril.

Fis-27 ta` Dicembru 1988 rega` rah izda kien ghamillu kuragg ghalkemm ma biddilux il-kura.

Fil-21 ta` Frar 1989, huwa gie msejjah ghax Louis Pace kien waqa` mis-sodda. Ma sab ebda ksur izda kien qed ikaxkar siequ l-leminija fil-mixi. Kellu *slurred speech* u *poor muscle power in the right upper limb.* Huwa sab li r-riflessi fizici kienu hemm. Issuspetta li seta` kien ser ikollu puplesija u ghalhekk irrakomanda li jarah Dr Anthony Galea Debono. Dan rah u ppreskriva Peraxantin biex tghin ic-cirkolazzjoni tal-mohh.

Qal li huwa kien imur jarah meta jsejhulu l-familjari tieghu jew is-sorijiet.

Xehed illi huwa ghandu esperjenza fir-rigward ta` pazjenti ta` eta` avvanzata kif kien Louis Pace. Hija norma li meta pazjent ta` eta` avvanzata jibda jaghti x`jahseb li mhux f` pozizzjoni li jaghmel testment, huwa jirreferi ghand psikjatra. Kien proprju ghalhekk li huwa rrefera lil Louis Pace ghand il-psikjatra Dr Joseph Pisani.

## III. <u>Fatti</u>

Louis Pace kellu tlett ulied : l-atturi Vivienne u Margaret, u l-konvenuta Myriam.

Louis Pace ghamel tlett testmenti :-

L-ewwel testment sar fl-4 ta` Jannar 1987 fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien (fol 7 sa 10). Skont dan it-testment, it-tlett uliedu thallew bhala eredi universali fi kwoti ndaqs. Thallew prelegati. Thalliet is-somma ta` Lm 4000 bejniethom lill-irgiel ta` wliedu Margaret u Myriam. L-istess irgiel kienu mahtura bhala ezekuturi testamentarji. Fit-testment, tnizzel illi l-oggetti li kienu qed jithallew bi prelegat lit-tlett uliedu kienu jappartjenu lil martu Alice Pace.

It-tieni testment sar fl-14 ta` Awissu 1987 ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien (fol 11 sa fol 12). F` dan it-testment, l-ulied kellhom jirtu skont il-ligi u thassar it-testment precedenti.

It-tielet u l-ahhar testment sar minn Louis Pace fis-16 ta` Ottubru 1988 ukoll fl-atti tan-Nutar Dottor Patrick Critien (fol 13 sa 18). Dan it-testment sar meta t-testatur kien qieghed jirrisjedi Casa Leone. Hassar it-testment precedenti tieghu, u kienet istitwita Myriam Pellegrini bhala eredi tieghu. F` dan it-testment, inghad illi l-mobbli kollha li kienu jinsabu fid-dar, dawk li ttiehdu minn uliedu Margaret u Vivienne, u dawk fil-pussess ta` Gabriel Pellegrini kienu kollha propjeta` tieghu. L-ezenzjoni mill-kollazzjoni kienet kwalifikata fis-sens li kellha tapplika salv ghal dawk l-oggetti li ttiehdu minn Margaret u Vivienne minghajr il-kunsens tat-testatur. Inoltre inhatar Charles Cassano bhala ezekutur testamentarju.

Louis Pace miet l-Isptar San Luqa fil-15 ta` Marzu 1989 (fol 6). Qabel miet kienu ilu sena u xahrejn Casa Leone.

Bil-kawza odjerna l-atturi qeghdin jattakkaw l-ahhar testment ta` Louis Pace billi jikkontendu li fid-data tas-16 ta` Ottubru, 1988 Louis Pace ma kienx kompost u ma kienx fi stat mentali li seta` jaghmel validament testment. Jikkontendu li t-testment tas-16 ta` Ottubru 1988 sar bhala konsegwenza ta` pressjoni u influenza inaccettabli u bi skop frawdolenti li saru fuq Louis Pace. Ghalhekk talbu dikjarazzjoni li da kit-testment huwa null u bla effett. Il-pretensjonijiet attrici huma kontestati mill-konvenuti.

## IV. <u>Dritt</u>

**<u>L-Art 588 tal-Kap 16</u>** ighid :-

> *"It-testment huwa att, li minnu nnifsu jista` jigi mhassar, illi bih persuna, bil-mod li trid il-ligi, tiddisponi, ghaz-zmien ta` wara mewtha, mill-hwejjeg taghha kollha jew minn bicca minnhom."*

Din hi bazikament id-definizzjoni moghtija minn Modestinus li tghid : "*voluntatis nostrae justa sententia de eo quod quis post mortem suam fieri voluit*".

Tant huwa importanti testment illi t-Toullier fil-**<u>Commentario del Codice Civile</u>**, Vol V, S. 343, jirrileva li wara r-religjon, it-testment huwa l-akbar konfort ghal persuna li tkun waslet biex tmut.

Skont l-**<u>Art 599 tal-Kap 16</u>** :-

> *"It-testmenti maghmulin minn persuni inkapaci huma nulli, ukoll jekk l-inkapacita` tat-testatur tispicca qabel il-mewt tieghu."*

It-testment in kwistjoni kien ippubblikat qabel dahlu fis-sehh l-emendi li dahlu bl-Att II ta` l-2012. Ghalhekk ghal dan it-testment ghandha tapplika l-ligi kif kienet dak iz-zmien li sar it-testment. Fis-sentenza ta` din il-Qorti tad-29 ta` Ottubru 1959 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Joseph Caruana Curran nomine vs Anthony Camilleri nomine</u>** nghad illi *"sabiex il-ligi jkollha effett retroattiv, hemm bzonn li dan l-effett jirrizulta b`mod l-aktar car u zgur."*

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Mejju 2004 fil-kawza "**<u>Cristiano vs Portelli</u>**", din il-Qorti diversament presjeduta ssenjalat il-principji li ghandhom japplikaw fil-kazi ta` impunjazzjoni ta` atti minhabba nkapacita` mentali :

*1. Illi l-kapacita` hija r-regola u l-inkapacita` hija l-eccezzjoni, u ghalhekk il-presunzjoni hija favur il-kapacita`, liema presunzjoni hija `juris tantum` ;*

*2. Illi huma nkapaci dawk li fi zmien ta` l-att ma jkunux f`sensihom, u illi l-inkapacita` ghandha tigi ppruvata minn min irid jimpunja l-att ;*

*3. Illi biex persuna jkun kapaci jaghmel att, ma hemmx bzonn li jkun perfettament u rigorozament san minn mohhu, imma huwa bizzejjed li jkollu l-uzu tar-raguni fi grad tali li jippermettilu jkun jaf x`inhu jaghmel ;*

*4. Illi biex tigi stabbilita` l-insanita` mentali ta` persuna hemm bzonn li jirrizultaw indizji gravi ;*

*5. Illi l-Qrati taghna dejjem kienu reticenti li jammettu d-domandi biex jigi annullat att minhabba nsanita` mentali jekk din l-inkapacita` ma tkunx irrizultat b`mod cert minn fatti precizi u univoci, u ma jkunx gie pruvat li kienet tezisti fil-mument li persuna kien qieghed jaghmel l-att. (Vol XXXIV.108 – Appell Civili - "**Vassallo vs Dr V Sammut**" - 24 ta` April 1950 u Vol XXX.I.176 – Appell Civili - "**Formosa vs Axiak**" - 20 ta` Gunju 1938)."*

Fis-sentenza taghha tat-13 ta` Marzu 2009 fil-kawza `**<u>Azzopardi et vs Camilleri noe</u>**` deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) [Gurisdizzjoni Superjuri] (u konfermata b`sentenza tal-Qorti ta` l-Appell tal-25 ta` Mejju 2012) inghad hekk –

*L-awtur Laurent jispjega, "Non basta dunque provare che il testatore era in uno stato abituale di demenza,* ***bisogna provare invece che la sua follia era senza lucido intervallo, val dire permanente.*** *Se, al contrario, e` provato che il defunto aveva dei lucidi intervalli, egli e` certo che la prova della demenza abituale sarebbe insufficiente,* ***poiche` puo` avvenire che il testatore sia stato in un lucido intervallo nel momento in cui disponeva."*** (*Principi di Diritto Civile, Vol. XI pagna 112). Fil-kawza* ***Anna Borg et vs Maria Borg et*** *deciza mill-Prim`Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta` Novembru 1867 gie osservat : "Attesoche` e` opinione ricevuta come vera (vedasi Troplong, Donazioni tra Vivi e Testamenti No.463)* ***che il testamento si deve presumere fatto nel tempo della rimessione del male, se l`infermo ha avuto dei lucidi intervalli*** *e l`atto porta i caratteri della saggezza.....".*

Fis-sentenza taghha tal-31 ta` Marzu 1933 fil-kawza **`Cassar vs Cassar`** din il-Qorti qalet hekk –

*"Questi tribunali sono stati sempre renitenti a pronunciare la nullita` di una testamento per incapacita` mentale del testatore, a meno che tale incapacita` non consti positivamente, da fatti precisi ed univoci, e non si verifichi al momento in cui egli dettava le sue ultime volonta`. Il miglior criterio sulla sanita` mentale del testatore e` la ragionevolezza delle sue disposizioni, specialmente quando il testatore ne avesse indicato le ragioni, riconosciute poi ragionevoli e sa vie."*

Fis-sentenza taghha tat-8 ta` Mejju 1952 fil-kawza `**Mifsud et vs Giordano et**` din il-Qorti qalet hekk –

*"Il-ligi tammetti latitudni konsiderevoli fl-interpretazzjoni ta` l-istat mentali in kwantu jirreferixxi ruhu ghall-kapacita` testamentarja. U giet sostnuta b`success il-validita` ta` testment maghmul minn persuna li kienet `a priori` turi kapacita` dubbjuza, imma li gie pruvat li kellha intelligenza sufficjenti, ghalkemm inferjuri ghall-medja, ghall-ezercizzju legali tad-dispozizzjoni ta` hwejjigha.*

*B`mod li f`materja ta` validita` ta` testmenti, il-kwistjoni kollha tirraggira ruhha dwar il-problema jekk il-partikulari testatur jinsabx f`kondizzjoni mentali tali, minhabba fl-inkapacita` naturali, l-eta` avvanzata, mard jew insanita` li jifhem li dak li jkun qieghed ihalli bit-testment mill-istess proprjeta` tieghu jkun qieghed ihallih lil certa persuna jew persuni, li jifhem il-portata ta` l-estensjoni ta` l-assi tieghu, u li jifhem in-natura u l-effetti ta` l-att proprju fir-relazzjoni mal-pretensjonijiet naturali ta` dawk il-persuni li jigu eskluzi bit-testment tieghu.*

*Fir-ricerka dwar l-istat mentali tat-testatur il-kriterji li jistghu jigu segwiti huma diversi u varjati. Fost dawn il-kriterji, hemm il-vjolazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fit-testment impunjat. U fl-ezami ta` dawn id-disposizzjonijiet fit-tnissil konvincenti aktar sod tant mill-fatt ta` l-ezami ta` l-`ahhar volonta` per se, li jista` joffri bhala ndizju l-istat mentali tat-testatur, kemm ukoll mill-motiv jew motivi li jispiraw it-testatur, specjalment jekk dawk il-motivi jkunu gew espressi mit-testatur fil-waqt tat-testment jew fl-okkazjoni meta jkun qieghed jigi kontemplat dak l-att solenni, u fl-ahharnett mill-kondizzjonijiet mentali u fizici tat-testatur fil-mument meta jkun ghamel it-testment impunjat.*

*Ir-regola tal-ligi li huma nkapaci jiddisponu minn hwejjighom dawk li ma jkunux f`sensihom ghandha tigi pprovvduta u sostanzjata minn min ikun qieghed jattakka t-testment minhabba l-inkapacita` u min jimpunja testment ghal vizzju tal-menti tat-testatur mhux biss huwa obbligat jipprova dak il-*

*vizzju, izda l-prova tieghu ghandha tkun tikkolpixxi wkoll il-mument stess jew iz-zmien prossimu meta sar it-testment.*

*Fl-ipotezi tal-vizzju tal-menti abitwali, ppruvata l-abitwalita` it-testment maghmul mill-persuna hekk kolpita ghandu jigi prezunt li huwa invalidu, jekk min isostni l-validita` tieghu ma jippruvax li dak it-testment sar f`mument ta` lucidu interval.*

*Imma ghall-validita` ta` testment, huwa bizzejjed li t-testatur ikollu l-kuxjenza, jew ahjar li jkun jaf u jifhem x`ikun qed isir, u li fil-fatt ikun sar, b`mod li mhux imprexxinidibilment mehtieg li l-volonta` intelligenti u libera tat-testatur tkun perfettament u rigorozament sana."*

(ara wkoll : Prim`Awla tal-Qorti Civili : "**Farrugia vs Farrugia et**" : 5 ta` Ottubru 2004)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tas-6 ta` Marzu 1979 fil-kawza `**Sultana vs Sultana**`, kien riaffermat il-principju illi persuna tista` tkun qeghda tbati minn infermita` mentali, izda jekk jirrizulta illi fiz-zmien illi taghmel testment jew xi att civili iehor, tkun ghaddejja minn perijodu lucidu, allura dak it-testment jew att civili iehor jitqies bhala validu.

L-istess kien inghad fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-20 ta` Ottubru 1971 fil-kawza `**Bonavia et vs Bonavia et**` :

*"l-inkapacita` mentali antecedenti u sussegwenti tista` taghti lok ghall-inferenza li t-testatur kien ukoll inkapaci meta attwalment ghamel it-testment. Il-Qorti ghandha thares ukoll, u anzi thares izjed, lejn il-mument tat-testment, u dana stante r-riluttanza tal-ligi biex tannulla d-disposizzjonijiet ta` l-ahhar volonta`, il-presunzjoni tal-validita` taghhom u l-gurisprudenza dwar il-lucidu interval, li ghandha tinklina lill-gudikant biex iktar jahseb li t-testment sar f`wiehed mil-lucidi intervalli, jekk dawn jirrizultaw mill-provi."*

(ara wkoll : is-sentenzi ta` din il-Qorti kif presjeduta : 8 ta` Jannar 2013 : **Josepha Carabott et vs Vincent Spiteri** ; u 14 ta` Novembru 2013 : **Maria mart Mario Baldacchino et vs Victor Schembri**).

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tas-6 ta` April 1957 fil-kawza `**Psaila vs Parlar et**` nghad hekk dwar l-element tal-kapacita` -

> *L-inkapacita` naturali li wiehed jikkuntratta, a differenza ta` dik civili, tissupponi l-impossibilita`*

*naturali li wiehed jakkonsenti, u tissejjah ukoll inkapacita` assoluta, ghaliex in-nuqqas naturali tar-raguni u tal-volonta` jgib in-nuqqas tal-kunsens u kwindi l-inezistenza tal-kuntratt.*

*Ghaldaqstant, min jallega l-inkapacita` naturali ta` min ikkuntratta jehtieglu jipprova rigorozament li dak li kkuntratta, fiz-zmien tal-kuntratt impunjat ma kellux l-uzu tar-raguni, cjoe` illi l-infermita` mentali ta` dak il-kontraenti kienet kompleta u tali li teskludi fih kull volonta` u kapacita` tal-kunsens, b`mod li hu kien assolutament inkonsapevoli tal-atti li kien qieghed jaghmel. Fi kliem iehor, min jimpunja att maghmul inn persuna ohra minhabba inkapacita` naturali ta` dik il-persuna, jehtieglu jipprova li dik il-persuna kienet affetta minn infermita` mentali totali u assoluta.*

*Jekk ikun hemm xi dubju dwar din il-kapacita` ghandha tirbah dejjem il-presunzjoni tal-kapacita` stabbilita mil-ligi.*

(ara wkoll is-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-17 ta` Ottubru 2017 fil-kawza fl-ismijiet **Victoria Galea vs Mary Casingena et** ghalkemm sar appell minnha ; u **AIC Joseph Farrugia et vs Angela Farrugia et** deciza fit-8 ta` Lulju 2013)

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tal-5 ta` April 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Foruntato Ellul vs Margaret Ellul et** kien osservat illi :-

*Illi rigward l-inkapacita` testamentarja delineata fl-artiklu 597 tal-Kap fuq indikat is-sentenza tal-Qorti ta` l-Appell Civili flismijiet* ***Giuseppe Formosa vs. Giuseppe Axiak*** *datata l-20 ta` Gunju, 1938, Volum XXXA I 176, tistabbilixxi fost affarijiet ohra, is-segwenti :*

*"Illi r-rekwiziti tal-kapacita` mentali biex wiehed jiddisponi b`testment, ma jirrikjedix "una mente perfettamente e rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permette la coscienza di cio` che si fa` .... basta che chi dispone per testamento sia` fornito di sufficiente percezione raziocinio o memoria ondesia capace di*

*determinazione e di volonta` ragionata, e sappia che cosa voglia eleggere ed operare circa le persone e le cose";*

*14. Illi ghandu wkoll ikun inoltre pacifiku li fil-kazijiet in genere il-prova tal-inkapacita` tispetta lil min jallegha ;*

*15. Illi di piu`, tali prova trid tkun ukoll cara, univoka u konklussiva, stante li l-accertament tal-inkapacita` tinhtieg li tkun shiha u rigoruza ;*

*16. Illi hu hekk biss li jista` jkun validment u legalment assodat li testatur ma jkunx munit b`dik il-kuxjenza necessarja li ma tippermettilux ikun jaf x`ikun qieghed jaghmel meta jkun qieghed jirredigi testment ;*

*17. Illi ghalhekk meta tali allegazzjoni tkun ibbazata fuq semplici kongetturi jew possibilitajiet, dan ma jkunx bizzejjed biex wiehed jikkonkludi li kien hemm inkapacita` mentali fir-rigward ;*

*18. Illi stante li f`kazijiet bhal dawn tkun qed tigi attakkata persuna li tkun ghaddiet ghal hajja ahjar, il-fatti allegati fil-konfront taghha li jibbollawha b`dan il-fardell iridu jkunu precizi u konkludenti;*

*19. Illi tenut kont tas-suespost, fattur iehor determinanti fir-rigward hu r-ragjonevolezza tad-dispozizzjonijiet li jkunu gew inkluzi fit-testment in dizamina;*

*20.0. Illi ghalhekk ezami tat-testment hu necessarju biex jigi determinat:*

*20.1. Illi t-testment ma jkollu l-ebda sinjali ta` stoltezza jew ta` stupidita`; u*

*20.2. Illi l-istess testment ikun generalment ikkarettizzat b`dak is-sens ta` ragjonevolezza li wiehed komunement jistenna fl-atti ta` din ix-xorta;*

…

*21. Illi di piu`, d-disposizzjonijiet ta` nies professjonali huma ta` rilevanza kbira fir-rigward biex wiehed ikun jista` jikkonkludi l-inkapacita o meno ta` testatur;*

…

(ara wkoll : 14 ta` Jannar 2013 : PA : **Anton Ellul et vs Maria Busuttil et** konfermata mill-Qorti ta` l-Appell fit-18 ta` Lulju 2017)

Issir ukoll referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-23 ta` Ottubru 2017 fl-ismijiet **Angelo Saliba et vs. Josephine Saliba** li minnha sar appell. Fost osservazzjonijiet ohra nghad hekk :-

*Naturalment il-kapacità testamentarja hija r-regola, l-inkapacità tkun l-eccezzjoni u din hija prezunzjoni li ghandha tissussisti sakemm il-persuna li tipprova timpunja testment ma ggibx provi sodisfacenti kuntrarji.*

*Infatti l-fatt li t-testatur ikun qed ibati minn xi dizordni mentali mhix sufficjenti biex twaqqa` testment ghax hemm ukoll li hafna dizordnijat mentali jkollhom mumenti jew perjodi ta` lucidità. Hu necessarju li kull kaz jigi ezaminat fuq il-fattispecji partikolari. Naturalment kull Nutar li jippubblika testment ikun wasal ghall-konkluzjoni li t-testatur probabbilment ghandu mohh san. Biex testament jigi impjunjat irid jigi ppruvat li persuna ma kenitx f`sensiha fiz-zmien li sar it-testment.*

*Spiss diversi awturi waslu ghal qbil li ghandu jigi applikat il-principju tal-unità u indivizibilità tal-mohh u l-konsegwenti insanità totali jekk ikun hemm dizordni mentali (ara f`dan is-sens Troplong – Le droit civile expliquè, Vol. II S. 451-457; u Des Donations et des testaments (Vol. I, S.451); kif ukoll M. Sacaze – La folie consideree sans des rapport avec la capacitè civil – p 16).*

*L-esperjenza tghallem li jekk testatur ikun ibati minn dizordni mentali l-familjari, hbieb u impjegati jaghmlu minn kollox b`weghdiet u theddid biex ihajru lit-testatur jiddisponi mill-*

*proprjetà tieghu favurhom. Jinghad li din it-teorija tilfet hafna mill-forza taghha llum il-gurnata ghax mhux bil-fors li l-monomanija taffettwa l-kapacità testamentarja (ara: **G. Grech vs. P. Dimech** – XIV, Dec 180, pg. 406; **Pirotta vs. Carbonaro** – XXII, Pt. I, pg. 88; C. Bartolo vs. G. Spiteri – XLII, Pt. II, pg. 1085; **J. Bonavia vs. G. Bonavia** – 20.10.1971. Ara wkoll qrati esteri: **Banks vs. Goodfellow** – 1870, L.R. 5 Q.B., 549; Roma Corte d`Appello – 22.04.1950.)*

*Min-naha l-ohra Legrand Du Saule fix-xoghol tieghu Le foliex davant les Tribunaux isostni li l-allucinazzjonijiet m`ghandhomx ikunu ta` ostakolu ghad-dritt ta` persuna li taghmel testment jekk ma kienux ta` influwenza fuq l-agir tat-testatur jew ma bidlux l-affezzjonijiet tieghu lejn in-nies ta` madwaru. L-istess awtur ikompli li wiehed irid jara jekk minghajr raguni fid-dispozizzjoni testamentarji t-testatur halliex lill-familjari minghajr wirt jew iddeskriviex lill-istess familjari bhala ghedewwa u dan minhabba li d-deluzjonijiet ikollhom influwenza fatali fuq l-atti tat-testatur b`mod li l-kundizzjoni mentali tkun manka u t-testatur ma jkunx ghadu aktar f`dak il-grad mentali necessarju.*

*Pacifici Mazzoni jikteb li :*

*"Il criterio pratico, veramente sicuro è questo: se la monomania ha determinato la persona a fare il testamento, deve decidersi che questa non era sana di mente in testando. Se al contrario la monomania non ha avuto parte alcuna nella dichiarazione dell`ultima volontà di essa si deve dire che testò sana di spirito."*

*Wara l-istess awtur irrefera ghal sentenza tal-Qrati Francizi (**Bordeaux** – 14.04.1836 – J.36) fejn it-testatur kien jemmem li huh u ohtu kienu l-kawza ta` sofferenzi fizici tieghu u li kienu jaghmlu atti djabolici halli hu ma jirkuprax u li riedu javvelenawh. Kien ghalhekk li l-Qrati Francizi kkonkludew li d-dispozizzjonijiet testamentarji tieghu kienu rizultat tal-monomania li minnha kien qieghed isofri.*

*Fid-diversi sentenzi gew applikati aspetti diversi. Wahda minn dawn hija r-ragjonevolezza tad-dispozizzjonjiet testamentarji (ara **Vassallo vs. Sammut**, Vol. XXXIV, Pt. I, pg. 108; u **Formosa vs. Axiak**, Vol.XXX, Pt. I, pg. 176).*

*Spiss gie ritenut li jekk il-kontenut ta` testment huwa ragjonevoli, wiehed kellu jipprezumi li t-testatur kien f`sensih meta ghamel it-testment, filwaqt li jekk il-kontenut ma kienx ragjonevoli, din hija prova li t-testatur ma kienx f`sensih.*

*Kien ghalhekk li l-qrati irritenew li anke persuna li tbati minn dizordni mentali xorta jkollha d-dritt taghmel testment. Fi **Grech vs. Dimech**, Vol. XIV-180-406, inghad:*

*"Atteso che, secondo la legge, per determinare se la debolezza di mente sia a tale grado da doversi annullari gli atti della vita civile, in essa compiuti, devesi distinguere tra la varia indola e importanza degli atti medesimi; per il testamento non è richiesta una mente perfettamente rigorosamente sana, ma basta quel limitato uso della ragione che permetta la coscienza di ciò che si fa, e per valutare i diversi gradi di debolezza di mente dei testatori per dedurne la capacità od incapacità di testare si deve avere riguardo alla ragionevolezza o meno delle disposizioni testamentarie."*

…

*Din il-Qorti kif presjeduta però thoss li jekk id-dispozizzjonijiet ma humiex razzjonali, dan normalment ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li t-testatur ma kienx f`sensih fil-mument li ghamel it-testment (ara wkoll **Agius vs. Muscat**, Vol. XVII, Pt. II, pg. 5 fejn gie ritenut li "la irragionevolezza delle disposizioni del testamento può contribuire assieme ad altri fatti al criterio circa la insanità mentale del disponente"); izda kuntrarju mhux necessarjament iwassal ghall-konkluzjoni li kien f`sensih u dan minhabba l-fatt li l-istess Nutar li jkun qed jirredigi t-testment f`sens ta` dover lejn xogholu spiss jiprova li jaghmel kemm jista` jkun cari l-imsemmija dispozizzjonijiet, imqar fil-forma,*

*kif certament jekk ikun hemm xi haga daqshekk stramba jiddiskuti mal-istess testatur il-konsegwenzi ta` dik id-dispozizzjoni.*

*Ghalhekk it-teorija tar-razzjonalità tad-dispozizzjonijiet testamentarji spiss mhix sufficjenti biex wiehed jikkonkludi l-validità ta` testment. Ta` min jinnota li l-istess legislatur ma nkludiex din bhala wahda mill-kundizzjonijiet fl-artikolu 597. Inoltre f`testment unica charta jista` jkollok testatur wiehed li ma jkunx f`sensih.*

*Teorija ohra spiss accettata hija dik bazata fuq l-intellett l-volontà tat-testatur. Gie ritenut li persuna ghandha l-kapacità testamentarja purchè tifhem u tapprezza l-atti tan-nies ta` madwarha u l-effetti tal-azzjonijiet taghha, u li kapaci tifforma intenzjoni. Kif inghad "la sanità di mente suppone due condizioni – le spontanietà dell`atto e la piena coscienza li ciò che si fa (ara **Abela vs. Gatt**, Vol. XVI – II-92). Ukoll f`**Gauci vs. Mercieca**, XXV-I-246, inghad :*

*"Da queste due dispozizioni (294 e 295 Ordinanza 7 – 1868 Sezzjonijiet 596 u 597 tal-Kap 16) si deduce che per distruggere la prezunzione della validità del testamento è quindi per farsi luogo alla gravissima conseguenza della nullità del testamento, la prova che il testatore non si trovasse in condizioni di sanità di mente allorchè dispose dei suoi beni, dev`essere piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dell`atto che compiva ne volontà propria."*

*Interessanti li tali principju japplika taht diversi ligijiet, anke fil-Polonja, ara Zygmunt Nagorski pg 191, kif ukoll il-ligi Taljana, Codice Civile 591 u nfatti s-similarità bejn intendere e volere, conscious and free decision, u konoxxenza u volontà ghandhom l-istess sinifikat. Kien hemm kazijiet fejn din it-teorija ta` l-intellett u volontà giet applikata flimkien mat-teorija l-ohra tar-ragjonevolezza tad-dispozizzjonijiet testamentarji.*

…

*Ghalhekk huwa ferm importanti indipendentement minn kull kundizzjoni fizika tat-testatur, inkluz età avvanzata, li t-testatur, meta jaghmel it-testment, jifhem li dak li jkun qieghed ihalli fit-testment mill-istess proprjetà tieghu jkun qieghed ihallih lil certa persuna jew persuni, li jifhem il-portata tal-estensjoni tal-assi tieghu kif ukoll in-natura u l-effetti tal-att proprju (ara* ***Mifsud vs. Giordano,*** *XXXVIII- 404).*

*Interessanti ferm huwa dak li qal Lord Chief Justice Cockburn f`**Banks vs. Goodfellow,** fejn inghad:*

*"It is essential to the exercise of the powers of making a will that the testator shall understand the nature of the act and its effects; shall understand the extent of the property of which he is disposing; shall be able to comprehend and appreciate the claims to which he ought to give effect; and, with a view to the latter object, that no disorder of the mind shall poison the affections, pervert his sense of right, or prevent the exercise of his natural faculties; that no insane delusion shall influence his will in disposing of his property and bring about a disposal of it which, if the mind had been sound, would not have been made. No doubt when the fact that a testator has been subject to any insane delusion is established, a will should be regarded with great distrust, and every presumption should in the first instance be made against it. When an insane delusion has ever been shown to have existed it may be difficult to say whether the mental disorder may not possibly have extended beyond the particular form or instance in which it has manifested itself. It may be equally difficult to say how far the delusion may not have influenced the testator in the particular disposal of his property, and the presumption against a will made under such circumstances becomes additionally strong when the will is an inofficious one, that is to say, one in which natural affection and the claims of near relationship have been disregarded."*

….

[ara wkoll : 22 ta` Gunju 2012 : Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri : **Joseph Axiak pro et noe et vs**

## V. **Rizultanzi**

Independentement minn dak li xehdu persuni ohra, il-verzjonijiet li taw it-tliet ahwa kontendenti wlied Louis Pace huma opposti u kontradittorji. Dan il-konflitt huwa bil-wisq evidenti anke minn daqqa t`ghajn tar-rassenja dettaljata u estensiva tax-xiehda li ghamlet din il-Qorti aktar kmieni. In succint l-atturi jikkontendu li Louis Pace kien anzjan li mentalment kien qed jiddegenera tant li fi stat konfuzjonarju u skompost, mentri l-konvenuta ssostni li Louis Pace, ghalkemm anzjan, kien bniedem lucidu, mentalment stabbli, u koerenti fl-imgieba tieghu.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-19 ta` Novembru 2013 fil-kawza **Peter Montebello vs Peter Montebello et** inghad hekk :-

> *Hawnhekk ta` min jirribadixxi li in tema legali huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f`kaz ta` zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li `onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat`. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni.*
>
> *"Mill-banda l-ohra pero`, il-grad ta` prova rikjest fil-kamp civili, b`differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f` mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f` kawzi civili hija l-effett talbilanc tal-probabbiltajiet. Mera possibbilta` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabbilta` civili." (PA* ***Frank Giordmania Medici et vs William Rizzo et"*** *- Deciza 28 April 2004.*

Fis-sentenza li tat fil-5 ta` Ottubru 2001 fil-kawza "**Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella**" il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*Mhux kwalunkwe tip ta` konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta u jkollha taqa` fuq ir-regola "in dubio pro reo". Madanakollu l-Qorti … .ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tassoliti kriterji ta` kredibbilta` u specjalment dawk tal-konsistenza u tal-versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabbilta` u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f`kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.*

*Fin-nuqqas ta` korroborazzjoni tal-verzjoni tal-attur ghandha tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur."*

Ta` l-istess portata kienet is-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fis-6 ta` Dicembru, 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Dhalia Investments Limited (C1604) vs Gloria Pont.**

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-30 ta` Ottubru 2003 fil-kawza "**George Bugeja vs Joseph Meilak**" inghad hekk :-

*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku ta` azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment …*

(ara wkoll : PA : 28 ta` Mejju 2003 : **Kmandant tal-Forzi Armati ta` Malta vs Francis Difesa** ; u PA : 24 ta` Novembru 1966 : **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** ; PA : 28 ta` April 2003 : **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** ; u Qorti tal-Appell : 17 ta` Marzu 2003 : **Enrico Camilleri vs Martin Borg**)

**Premessi dawn l-insenjamenti gurisprudenzjali, din il-Qorti hija tal-fehma konsiderata illi l-atturi ma ressqux provi konklussivi li juru illi meta Louis Pace ghamel l-ahhar testment tieghu ma kellux**

**il-kapacita` mentali li jaghmel dak it-testment. Fuq spallejn l-atturi kien jinkombi l-oneru tal-prova sal-grad rikjest mil-ligi illi jirribattu l-prezunzjoni *juris tantum* favur il-kapacita` stante li l-inkapacita` hija meqjusa bhala l-eccezzjoni u mhux ir-regola.**

C

**Il-prova tal-inkapacita` kienet tispetta biss lill-atturi ghax huma kienu qeghdin jittentaw jimpunjaw it-testment.**

**Din il-Qorti tghid illi l-provi tal-atturi fil-kumpless taghhom huma nkonklussivi u karenti b`kuntrast max-xiehda li ressqu l-konvenuti.**

**Fil-kawza tal-lum, il-Qorti <u>kellha l-prova preponderanti</u> illi meta Louis Pace ghamel l-ahhar testment kellu bizzejjed l-uzu tar-raguni fi grad tali li kien jaf x`qieghed jaghmel.**

**Il-Qorti <u>ma kellhiex</u> fatti precizi u univoci, jew indizji gravi, determinanti u ppruvati li jwassluha biex tikkonkludi illi meta Louis Pace ghamel it-testment kien qieghed ibati minn instabilita` mentali li taghmlu nkapaci.**

Mill-provi li tressqu, partikolarment ix-xiehda ta` persuni ndipendenti mill-familja, li taw libsa ta` oggettivita` ghal dak li kienu qeghdin jiddeponu, irrizulta li Louis Pace kien mentalment stabbli u koerenti fil-komportament tieghu.

**Il-Qorti ghandha c-certezza morali li l-ahhar testment ta` Louis Pace kienet ir-risposta determinata, voluta u motivata tieghu ghall-ittra li kien ircieva minghand l-atturi.**

Fit-13 ta` Ottubru 1988, Louis Pace ircieva ittra minghand uliedu l-atturi (fol 863). Bil-kontenut ta` din l-ittra, huwa evidenti li kien iffastidjat ghall-ahhar. Dik l-ittra ghal Louis Pace kienet *l`ultima goccia che ha fatto traboccare il vaso* wara li rrizulta ppruvat illi Louis Pace kien ilu jissapporti l-imgieba ta` uliedu l-atturi, li fil-fehma tieghu kienet tonqos serjament mir-rispett dovut fil-konfront tieghu.

Propju l-mod determinat kif irreagixxa jikkonvinci lil din il-Qorti mhux li Louis Pace ma kienx kapaci jaghmel dak it-testment izda bil-maqlub u cioe`

li tant kien xeba` bl-imgieba ta` l-atturi wliedu illi ghamel dak it-testment bil-mod kif ghamlu.

Meta tkompli tqis anke x-xiehda misurata tan-Nutar Patrick Critien tkompli tkun konvinta li Louis Pace kien jaf precizament x` inhu jaghmel, tant li kien hu li ddetta lin-nutar dak li ried li jigi mnizzel fit-testment tieghu.

Ghalkemm huwa veru li *"l`asserto del Notaio che il disponente era sano di mente non costituisce da se la prova della capacita` mentale dello stesso testatore, dappoiche` non e` ufficio del Notaio ne di sua competenza di certificare la sanita` intellettuale dei disponenti"* (**Agius vs Muscat**, Vol. XVII.ii.5) fl-istess waqt tajjeb jinghad ukoll illi *"ghalkemm l-attestazzjoni tan-Nutar bis-solita clausola di stile li t-testatur huwa compos mentis mhix bizzejjed, id-disposizzjoni tieghu lanqas ma tista` tigi ipprivata mill-importanza taghha specjalment meta jkun jista jaghti dettalji li t-testment inkiteb fil-presenza tat-testatur, u taht id-dettatura tieghu, u mill-imgieba tieghu kien jidher li qed jirraguna, cioe` kif tghid il-ligi kien f`sensieh"* (**Joseph Bonavia et vs Giovanni Bonavia et** deciza mill-Prim`Awla fl-20 ta` Ottubru 1971).

Id-deposizzjoni tan-Nutar Critien, illi bl-ebda mod ma kienet imxellfa mill-atturi ghall-fini ta` attendibilita`, tixhed *senza mezzi termini* illi Louis Pace kien jaf x`ried jaghmel dak il-hin li sar it-testment. Sahaq ukoll fuq id-determinazzjoni tat-testatur tant li huwa kiteb li qallu t-testur biex jikteb bhala *le ultime volonta`* tieghu. Id-deskrizzjoni li ta n-Nutar m`hijiex ta` persuna inkapaci jew li qieghed jagixxi taht pressjoni minn terzi. Ma ninsewx li n-Nutar huwa ufficjal pubbliku bir-responsabilita` enormi li ufficcju bhal dak igorr mieghu.

Anke din ic-cirkostanza hija prova ohra ta` kemm it-testatur kien jaf xhinu jaghmel anke mill-minimi dettalji li nserixxa fit-testment tieghu i.e. il-legat ta` l-quddies.

Ghalkemm l-atturi jikkummentaw illi mat-testment ma kienx anness certifikat mediku dwar Louis Pace, in-Nutar Critien abbazi tal-imgieba tat-testatur kien sodisfatt minghajr l-icken riserva illi kien mentalment kapaci jaghmel dak it-testment. Ghalhekk ma talab ebda certifikat mediku.

Il-Qorti tishaq li d-dettall li fih it-testment ma jaghti l-ebda indikazzjoni li sar minn persuna li ma ghandhiex l-uzu tar-raguni taghha,

iktar u iktar meta n-nutar ikkonferma li kien it-testatur li qallu x`ried u tah id-dettalji dwar il-gid.

Dak li hareg mix-xiehda ta` tobba u specjalisti huwa li Louis Pace kien ghaddej minn mumenti ta` depressjoni u agitazzjoni.

Hadd mit-tobba u specjalisti ma xehed illi Louis Pace ma kellux l-uzu tar-raguni jew li kien mentalmet inkapaci.

L-atturi ttentaw ighidu illi bil-fatt illi Louis Pace kien invistat mill-Psikjatra Dr Pisani u li kienet preskritta lilu medicina kontra d-depressjoni u l-agitazzjoni li kien qed isofri minnha allura ghalihom dak kien ifisser li Louis Pace ma kienx f` siktu mentalment.

Din il-Qorti tiskarta bhala nsostenibbli din il-pretensjoni tal-atturi.

L-assjem tal-provi fil-preponderanza taghhom fuq bilanc ta` probabilitajiet juru li Louis Pace kien jaf xhinu jaghmel. Inoltre fir-rapport tieghu l-Psikjatra Pisani jiccertifika li Louis Pace (fol 448) kien `*mentally he is fully conscious*`.

Din il-Qorti mhijiex konvinta li Louis Pace kien wasal fi stat ta` hajtu li kien fl-ahjar interess tieghu li jigi nterdett.

Skont l-atturi, il-psikjatra tahom parir sabiex jinterdicu lil missierhom.

Il-Qorti ma temminhomx lill-atturi.

Li kieku kellhom direzzjoni cara u netta f`dan is-sens il-Qorti m`ghandhiex l-icken dubju li l-atturi kienu jmorru ghall-interdizzjoni minghajr ma joqghodu lura minimament. Ghaliex bhal ma ddejqu propju xejn li jiktbu ittri legali lil missierhom anzjan ma kienux sejrin jesitaw minimament milli jmorru ghall-interdizzjoni tieghu multo magis meta l-ahhar testment ma kienx ghadu sar (ara l-ittra ta` l-1 ta` Novembru 1988 a fol 989, l-ittri ufficjali tat-23 ta` Frar 1989 a fol 1079, 1080, u l-ittri ufficjali tat-3 ta` Marzu 1989 a fol 1081 u 1082). Kienu anke disposti jiehdu l-qorti lil missierhom anzjan.

Il-fatt li l-atturi ma hadux passi ghall-interdizzjoni ta` Louis Pace jkompli jsahhah il-konvinciment ta` din il-Qorti li Louis Pace kellu l-uzu tal-fakoltajiet mentali kollha tieghu.

Il-Qorti lanqas tqies bhala attendibbli l-argument tal-atturi illi f` testment precedenti, it-testatur kien iddikjara li l-ghamara fid-dar tieghu kienet proprjeta` ta` martu ; imbaghad fit-testment li qed jigi attakkat b` din il-kawza, huwa ddikjara li l-istess ghamara fid-dar tieghu kif ukoll dik fil-pussess ta` uliedu u ta` zewg Myriam Pellegrini kienu proprjeta` tieghu.

Il-Qorti temmen l-ispjegazzjoni li tat Myriam Pellegrini meta spjegat li meta sar it-testment fejn gie dikjarat li l-ghamara kienet proprjeta` ta` martu, missierha kien ghamel dan ghax beza` li martu kienet ser tmur warajh u ma jkollhiex assi biex tmantni lilha nfisha. Meta mbaghad sar l-ahhar testment tieghu, martu kienet mietet, u ghalhekk ma kienx ghad fadal il-bzonn li jahseb ghal manteniment ta` martu.

**Fl-isfond tal-premess, il-Qorti tikkonkludi illi fiz-zmien li sar it-testment de quo ma kienx ippruvat mill-atturi, sal-grad rikjest mil-ligi, kontra l-presunzjoni stabbilita mil-ligi, illi Louis Pace ma kellux il-kapacita` li jaghmel l-ahhar testment tieghu.**

Dwar imbaghad l-allegazzjoni li l-attur ghamel it-testment ghaliex saret pressjoni fuqu minn bintu Myriam u r-ragel taghha, din il-Qorti tqis li tali kawzali hija opposta ghall-kawzali bazata fuq allegazzjoni ta` inkapacita` mentali.

Dik l-ewwel kawzali hija bazata fuq allegazzjoni ta` inkapacita`, filwaqt li t-tieni kawzali tippresuponi li t-testatur kien kapaci jaghmel testment izda l-volonta` tieghu giet kondizzjonata b`mod negattiv minn pressjoni zejda tal-konvenuti.

Skont il-gurisprudenza " ... *l-impunjazzjoni tat-testment minhabba kaptazzjoni jew suggestjoni tippresupponi l-kapacita` tat-testatur u ghalhekk hi kontradittorja mal-impunjazzjoni minhabba inkapacita` mentali assoluta* (Vol. XLI.i.83)." [ara : **<u>Reverendu Sacerdot Giuseppe Desira vs Noel Agius et</u>** deciza mill-Prim`Awla fil-5 ta` Ottubru 1994].

Il-Qorti tqis bhala kontradittorji l-argumenti tal-atturi in kwantu filli jsostnu li t-testatur ma kienx *of sound mind* biex jaghmel testment, imma

mbaghad jiggranfaw ma` allegazzjoni li Louis Pace gie mgieghel jaghmel dan it-testment minhabba pressjoni da parti tal-konjugi Pellegrini.

Premessa din il-kontradizzjoni grossolana ta` dritt kommessa mill-atturi, il-Qorti tghid illi anke fattwalment ma kienx ippruvat minimament mill-atturi li kien hemm pressjoni min-naha tal-konvenuti fuq Louis Pace b`mod li ssokkomba ghall-volonta taghhom.

Fil-Qorti tishaq illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet kollha.**

**Qeghda tichad it-talbiet kollha tal-atturi.**

**U qeghda tikkundanna lill-atturi sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**